# Mir-Reġistru tal-Imwiet tal-Parroċċa Arċipretali Taż-Żebbuġ, Għawdex

L-Ewwel Parti: 1700-1761



**HORATIO CAESAR ROGER** huwa Professur tal-Latin u tal-Grieg fl-Università ta' Malta

Illum il-ġurnata, meta jmut xi ħadd, l-Arċipriet jimla formula li tkun stampata f'reġistru tal-imwiet. Din il-formula ma tantx tħalli spazju biex l-Arċipriet iniżżel xi ċirkustanzi ta' dik il-mewta li tkun seħħet fir-raħal, bħalma huma disgrazzji, qtil, mard u suiċidji. Jekk ikun Arċipriet li jħobb l-Istorja, dan jaf jikteb fil-marġni dak li jħoss ikun ta' interess għall-istudjuż tal-futur. Iżda fil-passat, mhux hekk kien il-każ.

Fil-parroċċa tagħna għandna erba' reġistri tal-imwiet, kollha miktubin bl-idejn. L-ewwel wieħed huwa miktub fuq karti vojta, waqt li l-aħħar tlieta skont formuli.

L-ewwel mewt imsemmija fl-ewwel volum hi dik ta' Franġisku Bugeja, bin Girgor u Marija, ta' sena u tlett xhur, li seħħet fit-13 ta' Ottubru, 1689, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali, miktuba mill-ewwel Kappillan taż-Żebbuġ, Dun Franġisk Vella.[1] Dan il-volum jispiċċa proprju bil-mewt tal-Kappillan Bartilmew Busuttil.
L-ewwel waħda tat-tieni volum hi dik ta' Marija Cefai, mart Ġużeppi u bint Franġisku Calleja u Roża Vella, ta' 53 sena, li seħħet fis-16 ta' Settembru, 1918, fit-12.30p.m., u ndifnet l-għada fil-Knisja Parrokkjali, fil-qabar numru 21, miktuba mill-Kappillan Antonju Grima.

It-tielet volum jibda bil-mewt ta' Karmela Mangion, armla ta' Karmelu u bint Ġużeppi Zammit u Teodora Aquilina, ta' 69 sena, li seħħet fis-7 ta' Marzu, 1949, fid-9.30a.m., u ndifnet l-għada fiċ-ċimiterju tar-raħal fil-qabar numru 10, miktuba mill-Kappillan Franġisku Mercieca.

Fl-aħħar nett, l-aħħar volum, dak preżenti, jibda bil-mewt ta' Orazju Vella, bin Antonju u Marija Saliba, li miet ta' 24 sena fid-9 ta' Jannar, 1990, fis-7.15a.m., fir-residenza tiegħu, 75, Triq Skapuċċina, u ndifen l-għada fiċ-ċimiterju fil-qabar numru 5, miktuba mill-Arċipriet Wiġi Vella, li semma' kif irċieva biss l-Griżma tal-Morda minn Dun Ġorġ Vella peress li "ma kellux użu tar-raġuni". Kummenti bħal dawn huma regulari sa mill-bidu tal-ewwel volum, għaliex il-Vjatku ma kienx jingħata jekk il-persuna ma kelliex l-użu tar-raġuni, jew ma setgħetx tibla' is-Sagrament għal raġunijiet diversi.

Minn dak li wieħed jista' jara f'dawn l-erba' reġistri, dak l-ewwel wieħed bil-bosta jisboq l-oħrajn. Huwa ra 229 sena ta' użu minn 9 Kappillani differenti (Vella, Tabone, Speranza, De Giovanni Inglott, Spiteri, Grima, Hili, Camilleri, Busuttil), mentri t-tieni volum dam jintuża biss għal 31 sena minn tliet Kappillani differenti (Grima, Cauchi, Mercieca), waqt li t-tielet intuża għal 41 sena minn żewġ Kappillani (Mercieca, Vella). Dak preżenti, miktub mill-Arċiprieti Vella, Saliba u Micallef, għadu jimtela. Il-lingwa li biha kienu jitniżżlu l-imwiet kienet il-Latin, xi kultant it-Taljan, iżda llum qed jintuża l-Malti.

Sakemm ma kinux jintużaw formuli fir-reġistri, il-Kappillan kien iħossu liberu jesprimi ruħu b'Latin sabiħ dwar il-fatt li t-tali parruċċan miet. Ma kienx sempliċiment jgħid li "miet", imma kien jivvinta espressjoni, waħda isbaħ mill-oħra, biex jgħid dan. Din il-figura ta' stqarrija nsejħula *"periphrasis"*. Qabel ma ngħaddu għall-kontenut ta' dawn ir-reġistri, tkun ħaġa sabieħa u ta' ġieh lill-istess Kappillani tal-passat li nittrattaw silta mill-espressjonijiet li kienu jużaw bil-Latin. Espressjonijiet simili, kollha stil sublimi, ma nsibux bħalhom fir-reġistri tal-magħmudijiet, Griżma tal-Isqof, u żwiġijiet.

*Ad aeterna gaudia rapta est*: (ir-ruħ) ġiet maħtufa lejn il-ferħ etern.
*Ad aeterna tabernacula evolata est*: (ir-ruħ) ittajret lejn it-tined eterni.
*Ad aeternam beatitudinem ivit:* mar lejn il-ferħ etern.
*Ad aeternam felicitatem ascendit*: Tela' lejn l-hena eterna.
*Ad aeternam gloriam evolavit*: tar lejn il-glorja eterna.
*Ad aeternam requiem evolavit*: tar lejn il-mistrieħ etern.
*Ad coelestem gloriam ascendit*: tela' lejn il-glorja tas-Sema.
*Ad coelestem patriam evolavit*: tar lejn il-pajjiż tas-Sema.
*Ad coelestem patriam pervenit*: wasal fil-pajjiż tas-Sema.
*Ad coelorum regnum evolavit*: tar lejn is-Saltna tas-Smewwiet.
*Ad coelos ascendit*: tela' lejn is-Smewwiet.
*Ad coelum ascendit*: tela' lejn is-Sema.
*Ad Dominum evolavit*: tar lejn il-Mulej.
*Ad Dominum suum redivit*: Irritorna lejn il-Mulej tiegħu.
*Ad gloriam aeternam evolavit*: tar lejn il-glorja eterna.
*Ad laudandum Deum ivit*: mar biex ifaħħar lil Alla.
*Ad regnum coelorum ascendit*: tela' lejn is-saltna tas-Smewwiet.
*Ad sedem aeternam ascendit*: tela' fil-post etern.




1. Xi ħaġa li forsi ħadd ma jaf hi li l-ewwel saċerdot li nafu bih miż-Żebbuġ kien **il-Kanonku Pietru Cini**, bin Indrì u Andreana. Għalkemm l-ewwel reġistru tal-imwiet taż-Żebbuġ ma jsemmihx, proprju għaliex miet qabel l-1688, u għax kien iservi fil-Matriċi ta' Għawdex, peress li kien persuna importanti għaż-Żebbuġ, jien ħassejt li kelli nibda bih. Fil-fatt, hu miet fl-**10 ta' Lulju, 1674**, ta' 57 sena, u ndifen fil-Matriċi.[4] Huwa twieled f'Għawdex fil-25 ta' Mejju, 1617.[5] Missieru kien bidwi (*massaro*). Ta' 16-il sena, irċieva l-ewwel tonsura minn Mons. Isqof Cagliares fit-18 ta' Frar, 1629, fil-Knisja ta' Santu Wistin, ir-Rabat ta' Għawdex, meta libes is-suttana u beda jservi lill-Knisja.[6] Ingħata l-Ordnijiet Minuri minn Mons. Isqof Balaguer fl-20 ta' Settembru, 1636, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta, u ġie ordnat suddjaknu fid-29 ta' Mejju, 1638, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz f'Vittoriosa.[7] Ġie ordnat djaknu fit-18 ta' Ġunju, 1639, fil-Knisja ta' Sidtna Marija ta' Ġesù fir-Rabat ta' Malta, u saċerdot fil-21 ta' Settembru, 1641, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz f'Vittoriosa.[8] Ġa fl-1649, kien qiegħed jaħdem bħala Ekonomiku (*fiscale*) fil-Palazz tal-Isqof f'Għawdex.[9] Għalkemm ma kellux razzet tiegħu, intqal li kien jiżra' bl-għajnuna tal-annimali ta' ħaddieħor f'għelieqi li parti kienu tiegħu u parti kienu mqabbla lilu. B'kollox, kien jieħu ħsieb seba' salmi ta' art,[10] li kienu jiġu 112 tomni. Kien ġa jservi bħala Kanonku fil-Matriċi fl-1653[11] u sal-1662.[12] Il-Kanonku Pietru Cini ħalla bħala legat lill-Knisja tas-Assunta fiż-Żebbuġ art li kienet tipproduċi l-qamħ li kellu jipprovdi ħobż lill-fqar fil-festa tar-raħal.[13] Dan il-fatt li ħalla legat lill-knisja prinċipali taż-Żebbuġ jikkonferma li kien jappartjeni lil dan ir-raħal. Kien u għadu żball li fis-sagristija tal-knisja tagħna, f'inkwadru mdendel man-naħa tal-Punent, ismu jidher bħala Dun Indrì Cini, li ma kienx jeżisti. Forsi li l-iżball sar peress li kemm missieru u kemm ommu ssemmew għal Sant' Indrija, qaddis dak iż-żmien meqjum fir-raħal tagħna. Missieru, Indrì, miet fl-4 ta' Jannar, 1663, u ndifen fil-Matriċi.[14] Ommu, Andreana, mietet fit-30 ta' Diċembru, 1672, u ndifnet fil-Matriċi.[15] Ħutu kienu jinkludu lil Margerita, li mietet fis-6 ta' Ottubru, 1639, u ndifnet fil-Matriċi,[16] u Antonju, li żżewweġ lil Marija Theuma, bint Pietru u Ġovanella, fid-19 ta' Awwissu, 1640, fil-Matriċi. Berkilhom iż-żwieġ l-Arċipriet Pontremoli, waqt li x-xhieda kienu Dun Franġisku Mercieca, Ġużeppi Mercieca u oħrajn.[17] Huwa mbagħad iżżewweġ lil Speranza Zahra, bint Ġwanni Battista u Marija Laurier, fl-10 ta' April, 1660, fil-Matriċi. Ix-xhieda kienu Dun Orazju Sammut u Ġużeppi Amaira.[18] Antonju miet fiż-Żebbuġ fit-2 ta' Ottubru, 1694, fl-età ta' 75, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Uliedu kienu jinkludu lil Klement,[19] Tommasika,[20] Ursula,[21] Sor Marija Cini (9), Kljara Cini, li żżewġet lil Ewġenju Camilleri, dan ta' l-aħħar in-nannu ta' Dun Ġwanni Battista Camilleri, fis-26 ta' Awwissu, 1685, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ, Ġwanni Indrì Cini, li kien iżżewweġ lil Ubaldiska Saliba,[22] Ġlormu Cini, miżżewweġ lil Katerina Bugeja,[23] u Roża Cini (31).




2. L-ewwel mewt mhux tas-soltu li niltaqgħu magħha fl-ewwel volum tal-imwiet hija dik ta' **Paskal Farrugia**, bin Xmun u Marija Zammit, li miet għall-għarrieda, meta jew wara li waqa' mal-art,[24] fid-**29 ta' Mejju, 1700**, fl-għomor ta' 75 sena, u ndifen fil-Knisja taż-Żebbuġ. Martu, Pawla, mietet fiż-Żebbuġ fil-25 ta' Frar, 1723, ta' 80 sena. Missieru, Xmun, bin Paskal u Vennera Camilleri, kien iżżewweġ li Marija Zammit fil-Knisja taż-Żurrieq fl-14 ta' Novembru, 1649.[25] Paskal innifsu kien miżżewweġ darbtejn. Wara li romol, huwa żżewweġ lil Pawla Bonnici, li kellha lil oħtha jisimha Margerita, bint Matteolu u Speranza (27, 30), fis-26 ta' April, 1676, fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex. Ix-xhieda kienu Mastru Danjel u Ġwanni Anġlu Cefai (4).[26]




3. Dan l-ewwel volum isemmi l-*ewwel* mewta ta' saċerdot miż-Żebbuġ. Dan kien **Dun Franġisk Stivala**, li miet ta' 80 sena fit-**30 ta' Awwissu, 1706**, u, skont it-testment tiegħu, indifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Huwa ħalla ħafna legati lill-Parroċċa tiegħu.[27] Huwa twieled fl-1 ta' Settembru, 1627, u tgħammed l-għada fil-Matriċi mill-Arċipriet Salvu Pontremoli. Il-parrinu tiegħu kien il-Kanonku Bartilmew Zarb.[28] Missier Dun Franġisk, Ġwanni Marija Stivala, kien bidwi jaħdem l-għelieqi tiegħu mlaqqma "Ta' Sokkor".[29] Bin Marjanu u Marjetta,[30] huwa żżewweġ lil Ġlorma Corso, bint Paskal, fis-27 ta' Awwissu, 1621, fil-Matriċi. Ix-xhieda kienu Bartilmew Madiona u Mastru Duminku Formosa. Berkilhom iż-żwieġ Dun Duminik Apap.[31] Ħut Dun Franġisk Stivala kienu jinkludu lil Fjorenza, li mietet ta' 16 sena fil-21 ta' Novembru, 1637, u ndifnet fil-Matriċi fil-qabar numru 19,[32] u lil Grazzja, mart in-Nutar Tumas Debono u omm Dun Wistin Debono (26).[33] Ġlorma Stivala mietet fis-16 ta' Ġunju, 1655, u ndifnet fil-Matriċi.[34] Dun Franġisk Stivala ħa l-ewwel tonsura mill-Isqof Balaguer fit-23 ta' Settembru, 1641, fil-Palazz tal-Isqof f'Vittoriosa. Hu attenda Skola tal-Grammatika mmexxija mil-Pirjol tal-Monasteru ta' Santu Wistin fil-Knisja tal-Madonna Ta' Savina. Kien jilbes suttana qasira u jżomm it-tonsura.[35] Ġie ordnat Suddjaknu mill-Isqof Balaguer fis-27 ta' Frar, 1649, fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu f'Valletta,[36] u Saċerdot qabel l-1667. Dan jidher ċar mir-Rollo tas-saċerdoti f'Għawdex,[37] u mill-Viżta Pastorali li l-Isqof Luca Bono għamel lill-Gżira ta' Għawdex f'dik is-sena, meta Dun Franġisk wera d-dokumenti tiegħu li kienu juru meta ħa l-ewwel tonsura, l-erba' Ordnijiet Minuri u t-tlieta Maġġuri.[38]




4. Tliet snin wara, l-istess **Ġwanni Anġlu Cefai**, li kien xhud fiż-żwieġ ta' Paskal Farrugia (2), miet fit-**2 ta' Ottubru, 1709**, ta' 78 sena, wara li waqa u ħabat rasu ma' ġebla.[39] Dan kien benefattur kbir tal-Knisja taż-Żebbuġ peress li ħalla dħul mill-proprjetà tiegħu imur għall-knisja.[40] Bin Salvu u Imperja Attard, Ġwanni Anġlu Cefai iżżewweġ lil Katerina Saliba, bint Bernard u Grazzja, fit-3 ta' Ottubru, 1660, fil-Matriċi. Ix-xhieda kienu Duminku Dalli u Ġlormu Cremona (7, 16, 25).[41] Missieru, Salvu Cefai, iżżewweġ lil Imperja Attard, bint Antonju u Nażika Zammit, fit-30 ta' Awwissu, 1624, fil-Knisja Parrokkjali ta' Vittoriosa.[42] Huwa miet fit-3 ta' Awwissu, 1658, u ndifen fil-Matriċi.[43]




5. Xahar wara seħħet mewt simili. Fil-**21 ta' Novembru, 1709**, **Mawrizju Zammit**, bin Ferrandu u Leonora, ħa sehem fil-quddiesa fil-festa tal-Preżentazzjoni tal-Madonna, festa li għadha ssir f'dik il-ġurnata sal-lum. Meta ħareġ mill-knisja, waqa' u miet fit-triq.[44] Kellu 50 sena. Huwa kien iżżewweġ lil Anġelika Muscat, bint Ġużeppi u Mundika Falzon, fis-7 ta' Ġunju, 1651, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta.[45] Martu, Anġelika, għexet għal ħafna snin wara, tant li mietet fis-17 ta' Lulju, 1725, ta' 80, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Mawrizju kien minn Ħal-Qormi, waqt li Anġelika kienet minn Ħaż-Żebbuġ, u t-tnejn ġew joqogħdu fiż-Żebbuġ ta' Għawdex wara li żżewġu. Dan kien każ ieħor li bniedem minn barra r-raħal miet hawn.




6. Għalkemm mhux imsemmi fir-Reġistru tal-Imwiet taż-Żebbuġ, **Dun Salvu Debono**, li għadda ħajtu barra mir-raħal u miet fir-Rabat ta' Għawdex, kien miż-Żebbuġ. Dan kien ħu Dun Wistin Debono (26), ikbar minnu, li ppresieda fl-għoti tal-Ordnijiet Minuri fuq ħuh. Huwa miet fit-**13 ta' Diċembru, 1712**, fl-età ta' 53 sena, u ndifen fil-Matriċi fil-qabar numru, 3.[46] Fil-Viżta Pastorali li l-Isqof Cocco Palmieri għamel f'Għawdex f'April, 1687, Dun Salvu Debono kien ġie eżaminat u kkonfermat fost il-Kappillani tal-Kor tal-Matriċi.[47]




7. Sentejn wara nsibu l-*ewwel* mewt traġika, dik ta' tifel ta' disa' snin li miet fgat taħt il-piż tat-tiben fid-**19 ta' Ottubru, 1714**.[48] Dan kien **Nazju Buttigieg**, bin Ġwanni Marija u Marija Cremona, li twieled fiż-Żebbuġ fit-30 ta' Mejju, 1705, u tgħammed l-għada fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ mill-Kappillan Dun Franġisku Vella. Il-parrinijiet tiegħu kienu Mawrizju Cremona u oħtu, Andreana, mart Benedittu Formosa, mill-Għarb. Missier Nazju, Ġwanni Marija Buttigieg, bin Ġużeppi u Marija, twieled fl-Għarb u tgħammed fil-Matriċi fis-17 ta' Diċembru, 1677, mill-Arċipriet Camilleri. Il-parrinu tiegħu kien il-Kjerku Rokku Camilleri.[49] Huwa żżewweġ lil Marija Cremona, bint Ġlormu (4, 16, 25) u Katerina, fil-15 ta' Frar, 1703, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Berkilhom iż-żwieġ il-Kappillan Dun Franġisku Vella, waqt li x-xhieda kienu Mawrizju Zammit, bin Ġwanni Battista, Tumas Zammit (17), bin Salvu, u Ġwanni Marija Abela, ilkoll mill-Għarb. Marija Cremona tgħammdet fil-Matriċi fit-28 ta' Novembru, 1667, mill-Arċipriet. Il-parrinu tagħha kien Ġwanni Indrì Mifsud.[50] Hija mietet fiż-Żebbuġ fil-31 ta' Mejju, 1705, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali.




8. Sentejn wara tniżżel l-*ewwel* rapport ta' mewt li seħħet barra mir-raħal. Din kienet dik ta' **Franġisku Camilleri**, ħu Dun Mikiel Anġlu Camilleri, bin Orazju u Kristina Vella. Huwa miet f'Cospicua fit-**3 ta' Diċembru, 1716**, u ndifen fil-Knisja Parokkjali ta' hemmhekk. Twieled fiż-Żebbuġ fit-13 ta' Settembru, 1701, u tgħammed fl-istess jum min Dun Wistin Debono (26) fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Il-parrinu tiegħu kien il-Kappillan, Dun Franġisku Vella. Missieru, Orazju Camilleri, bin Karlu u Iżabella Agius, ħu Ewġenju (9, 13, 23, 28, 31), in-nannu ta' Dun Ġwanni Battista Camilleri, u Marija, mart Karmelu Attard (23), dak li fl-1780 ħallas biex isir dak il-lampier li għadu jintuża fil-festa, li fuqu hemm minquxa l-ittra "M" u x-xbieha ta' San Ġużepp iżomm il-ġilju f'idejh, iżżewweġ lil Kristina Vella, bint Ġakbu u Margerita Cassar, fit-13 ta' Settembru, 1700, fil-Matriċi. Berkilhom iż-żwieġ il-Kanonku Ġwanni Pietru Dalli, waqt li x-xhieda kienu l-Kjerku Bernardu Grima u Indrì Cauchi.[51] Huwa miet fiż-Żebbuġ fil-11 ta' Mejju, 1750, ta' 80 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.




9. Seba' snin wara nsibu l-mewt tal-*ewwel* soru fiż-Żebbuġ, **Sor Maria Cini**, li mietet fid-**9 ta' April, 1723**, ta' 62 sena, wara marda twila,[52] u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Dawn is-sorijiet mhux bilfors kienu jgħixu f'kunvent. Kienu jilbsu l-abitu skont l-Ordni Reliġjuża tagħhom, u kellhom rikonoxximent mill-Isqof. Fil-fatt, hija msemmija flimkien ma' oħrajn bħala Soru Terzjarja Dumnikana fil-Viżta Pastorali li l-Isqof Cocco Palmieri għamel lil din il-parroċċa fit-12 ta' Mejju, 1698. Fil-Viżta tas-sena ta' wara, dik tat-22 ta' Ottubru, 1699, hija, flimkien mas-sorijiet l-oħrajn, ġew miżmuma li joħorġu bl-abitu peress li ma wrewhx id-dokumenti neċessarji li kienu juru li kienu kanonikament sorijiet.[53] Bint Antonju u Speranza Zahra (28), hija tgħammdet fil-Matriċi fil-11 ta' Novembru, 1661, mill-Arċipriet, il-

Kanonku Ġwanni Antonju Camilleri. Il-parrinu tagħha kien Ġwanni Pawlu Schembri.[54] Hija kienet oħt Kjara Cini, mart Ewġenju Camilleri (8, 9, 13, 23, 28, 31), innannu ta' Dun Ġwanni Battista Camilleri, Ġwanni Indrì Cini (28), ir-raġel ta' Ubaldiska Saliba, Ġlormu Cini, ir-raġel ta' Katerina Bugeja, Roża Cini (31), Tommasika, li mietet fis-16 ta' Jannar, 1677, ta' xahar, u ndifnet fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina,[55] u Ursula, li mietet fit-18 ta' Awwissu, 1678, ta' erba' xhur, u ndifnet fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina.[56]




10. Ħames snin wara, fit-**30 ta' Marzu, 1728**, niltaqgħu mat-*tieni* mewt ta' tifel, din id-darba mhux b'disgrazzja, imma b'xi marda. Dan kien **Ġwanni Caruana** li kellu biss 12-il sena, u peress li kien jirremetti kontinwament, ma setax jitqarben[57]. Huwa ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Bin il-Kjerku Ġużeppi u Marija, Ġwanni Caruana twieled fiż-Żebbuġ fis-16 ta' Ġunju, 1716, u tgħammed l-għada mill-Kappillan, Dun Franġisku Vella, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Il-parrini tiegħu kienu Ġwanni Theuma, mix-Xagħra, u Ġlorma Mizzi, mart Franġisku, mir-Rabat. Sa qabel il-Konċilju Vatikan II, kien possibbli li rġiel jieħdu l-Ordnijiet Minuri u anke jiżżewġu, u għalhekk kienu jissejħu "Kjeriċi". Kienu jservu fil-parroċċa u jipparteċipaw fir-reċitar tal-Uffizzju Divin fil-Kor. Il-Kjerku Ġużeppi Caruana, bin Ġwanni Marija u Margerita, iżżewweġ lil Marija Mizzi, bint Duminku u Anna Vella, fil-15 ta' Settembru, 1709, fil-Knisja Parrokkjali tan-Nadur.[58] Huwa miet fiż-Żebbuġ fil-11 ta' Diċembru, 1763, ta' 82 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Martu, Marija, mietet mewta ta' malajr fiż-Żebbuġ fid-19 ta' Novembru, 1773, ta' 86 sena, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.




11. Sitt snin wara, niltaqgħu mal-*ewwel* mewt fiż-Żebbuġ ta' tarbija li missierha kien minn Malta. Dan kien **Beninju Portelli**, bin Gejtanu u Petronilla, minn Vittoriosa, li miet fit-**28 ta' Mejju, 1734**, ta' għaxar xhur, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Missieru, Gejtanu Portelli, bin Antonju u Iżabella, minn Vittoriosa, iżżewweġ lil Petronilla Caruana, bint Maruzzu u Marija Farrugia, fit-28 ta' Awwissu, 1729, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Ommu mietet fiż-Żebbuġ ħafna snin wara, fit-22 ta' Lulju, 1784, ta' 73 sena, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.




12. Ftit xhur wara, fl-**14 ta' Ġunju, 1734**, mietet **Katerina Vella**, mart Nazju. Għalkemm kulħadd imut b'xi marda, jekk mhux b'xi disgrazzja, il-Kappillan ħass li kellu jispjega għaliex Katerina la tqarbnet u lanqas qerret qabel ma mietet. Bl-istess marda tagħha, hija spiċċat ma tistax tibla', u f'dawk l-aħħar mumenti, tilfet ukoll is-sensi tagħha.[59] Minkejja l-kondizzjoni sfortunata tagħha, hija xorta ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Bint Salvu Gambin u Vittorja Mizzi, mill-Parroċċa tal-Matriċi, hija żżewġet lil Nazju Vella, bin Salvu u Pawla, miż-Żebbuġ, fl-10 ta' Awwissu, 1721, fil-Knisja ta' San Kożma u San Damjan fir-Rabat. Berkilhom iż-żwieġ il-Viċi-Arċipriet, il-Kanonku Wiġi Cefai, waqt li x-xhieda kienu Dun Ġużepp Farrugia u Pawlu Galea.[60] Missierha, Salvu Gambin, bin Matteolu u Grazzja, iżżewweġ lil Vittorja Mizzi, bint Tumas u Grazzja, fil-15 ta' Settembru, 1686, fil-Knisja ta' Santa Sabina, ir-Rabat. Berkilhom iż-żwieġ Dun Pawl Lautier, waqt li x-xhieda kienu Ġwanni Pace u Damjan Spiteri.[61]

F'dan l-ewwel reġistru, meta wieħed jasal f'folju 26, isib din in-nota li ġejja, miktuba mill-Kappillan, Dun Franġisku Vella. Hija titratta fuq il-konsagrazzjoni tal-knisja, fuq it-tqegħid tal-għadam ta' San Klaru u San Bonifaċju fl-altar maġġur, fl-għotja tal-Indulġenza Plenarja u fuq iċ-ċelebrazzjoni tal-anniversarju tal-konsagrazzjoni li kellha tibda ssir fir-raba' Ħadd ta' Settembru flok fit-30 ta' Settembru:

*Die ultima Septembris 1736*
*Ill[ustrissim]us ac R[everendissi]mus Paulus Alferanus E[isco]pus Mel[iten]sis facta die praecedenti visita[tio] ne hodie die Do[meni]ca consecravit nostram hanc Parochialem Ecclesiam, ponens reliquias S[ancto]rum Martyru[m] Clarij, Praesbyteri, cuius dies celebratur martyrij octavo die Novembris, et Sancti Bonifaci, cuius dies est decima quarta Maij, in sepulcro Altaris Maioris cum concessione indulgentiae plenariae, et in anniversarijs in p[er]petu[um] ut asseruit sibi concessa[m] a S[anctissi]mo D[omi]no Benedicto XIII. Item, in actu conservationis (ad mea[m] instantia[m]) concessit ut anniversariu[m] cum octava celebretur in p[er]petu[um] no[n] die ultima, sed die Dominica qui erit quarta Do[mini]ca eiusdem mensis \Septem/bris cu[m] d[ict]a Indulgentia ut videri possit melius in registro consecrationis in Curia Magna Ep[iscopa]li. Ita \est/. F[rancisc]us Vella, Parocus.*

Din in-nota hija kkuppjata wkoll fir-reġistru tal-magħmudijiet, l-ewwel volum, f.61v. Nittraduċi għall-Malti kif ġej:
**L-aħħar jum ta' Settembru, 1736.**
L-Eċċellenza Reverendissima Tiegħu, Paul Alferan De Bussan, Isqof ta' Malta, wara li saret il-Viżta fil-jum ta' qabel, illum, il-Ħadd, ikkonsagra din il-knisja parrokkjali tagħna, waqt li poġġa r-relikwi tal-Qaddisin Martri, Klaru, Saċerdot, li l-jum tal-martirju tiegħu huwa ċċelebrat fit-tminn jum ta' Novembru, u San Bonifaċju, li l-jum tiegħu huwa l-erbatax ta' Mejju, fl-ossarju tal-altar maġġur bil-konċessjoni tal-Indulġenza Plenarja u fl-anniversarji għal dejjem, kif stqarr li kien mogħti (il-permess) lilu mill-Qdusija Tiegħu Benedittu XIII. Ukoll, fil-mument

li fih (ir-relikwi) kienu qed jitpoġġew f'posthom, għattalba tiegħi, ta li l-anniversarju jiġi ċċelebrat b'ottava blimsemmija Indulġenza għal dejjem mhux fl-aħħar jum, imma fil-jum tal-Ħadd li jkun ir-raba' Ħadd tal-istess xahar ta' Settembru, kif jista' jidher aħjar fir-reġistru tal-konsagrazzjoni fil-Kurja l-Kbira tal-Isqof. Hekk ikun. Franġisku Vella, Kappillan.




13. Sena wara kellha sseħħ disgrazzja oħra, din id-darba dik ta' **Pietru Klement Manueli**, bin Ġwanni Pawlu u Ursula Saliba, ta' 14-il sena, li ġrat fis-**27 ta' Lulju, 1737**. Id-disgrazzja ġrat meta t-tifel ġie mkaxkar minn barri.[62] Huwa ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Pietru Klement Manueli kien jiġi n-neputi ta' Dun Franġisk Manueli, u z-ziju tal-Kanonku Anġlu Manueli, bin Ġwanni Marija u Liberata Agius, u kienu jiġu minni fil-bogħod.[63] Huwa twieled fiż-Żebbuġ fl-20 ta' Novembru, 1723, tgħammed fl-istess jum mill-Kappillan Franġisku Vella fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Il-parrinijiet tiegħu kienu Pietru Saliba, bin Franġisku, u Duminka Saliba, bint Duminku u Iżabella, mill-Parroċċa tal-Matriċi. Missieru, Ġwanni Pawlu Manueli, bin Ġwanni Marija u Anġelika Cassar, twieled fiż-Żebbuġ fit-12 ta' Lulju, 1702, u tgħammed fl-istess jum fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ mill-Kappillan, Dun Franġisk Vella. Il-parrinu tiegħu kien Duminku Zahra. Huwa żżewweġ lil Ursula Saliba, bint Klement u Alfonsa (23, 25), fit-2 ta' Awwissu, 1721. Berkilhom iż-żwieġ il-Kappillan, Dun Franġisk Vella, waqt li x-xhieda kienu Salvu Vella, bin Ewġenju (8, 9, 23, 28, 31), u Franġisk Portelli (30), bin Benedittu. Huwa miet fit-28 ta' Ottubru, 1779, ta' 77 sena. Martu, Ursula, twieldet fiż-Żebbuġ fit-8 ta' Ottubru, 1695, u tgħammdet fl-istess jum mill-Kappilan, Dun Franġisk Vella, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Il-parrinu tagħha kien Pietru Bugeja, mir-Rabat. Hija mietet fiż-Żebbuġ fl-10 ta' Awwissu, 1765, ta' 77 sena.




14. Sentejn wara miet in-nannu ta' Pietru Klement Manueli, **Ġwanni Marija Manueli**, l-antenat tiegħi miż-Żebbuġ. Għalkemm miet mewta naturali, ir-raġuni għaliex qiegħed jidher hawn hi l-kumment li l-Kappillan għamel meta qal li "kien midfun minna s-saċerdoti",[64] jiġifieri, kien akkumpanjat mill-Kleru, kumment li kien rari ħafna li tiltaqa' miegħu. Dan ifisser li Ġwanni Marija Manueli, "il-furnar", kien miġjub sew fi żmienu. Huwa miet fil-**5 ta' Frar, 1739**, ta' 70 sena. Bin Ġwanni Pawlu u Marija Bigeni, Ġwanni Marija tgħammed fil-Matriċi fis-26 ta' Diċembru, 1659.[65] Huwa żżewweġ lil Anġelika Cassar, bint Marċellu u Marija, mill-Għarb, fis-17 ta' Awwissu, 1687, fil-Knisja ta' San Lawrenz.[66] Berkilhom iż-żwieġ il-Kappillan tal-Għarb, Dun Ġwanni Marija Camilleri, waqt li x-xhieda kienu Dun Duminku Axiaq u Ġlormu Spiteri.[67] Hija mietet fiż-Żebbuġ fil-31 ta' Jannar, 1705, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Wara żżewweġ lil Bernarda Alberta Mercieca, bint Ġulju u Marija, tal-Parroċċa tal-Matriċi, fis-27 ta' April, 1705, fil-Knisja ta' San Kożma u San Damjan fir-Rabat. Berkilhom iż-żwieġ il-Kanonku Wiġi Cefai, waqt li x-xhieda kienu Pietru Pawlu Farrugia u Albertu Mifsud.[68] Alberta Manueli mietet fiż-Żebbuġ fis-17 ta' Diċembru, 1770, ta' 90 sena. Missier Ġwanni Marija Manueli, Ġwanni Pawlu, bin Ġulju u Katerina, iżżewweġ lil Marija Bigeni, bint Ġlormu u Margerita Micallef, fl-14 ta' Novembru, 1649, fil-Matriċi. Berkilhom iż-żwieġ Dun Mattew Gatt, Viċi-Arċipriet, waqt li x-xhieda kienu Dun Ġwann Vella u Kallistu Muscat.[69] Huwa miet fiż-Żebbuġ fil-11 ta' Novembru, 1701, ta' 80 sena, waqt li martu, Marija, mietet qablu fiż-Żebbuġ fis-6 ta' Mejju, 1699, ta' 65 sena.[70]

15. Sentejn wara, "fis-**17 ta' Frar, 1741**, instab il-kadavru ta' **Anġlu** mir-raħal taż-Żejtun, li kien sajjied, fil-limiti ta' din il-Parroċċa Sagra, mgħarraq f'maltempata fil-15 ta' Jannar, sħiħ u rikonoxxut miż-żewġ awtoritajiet, kemm lajkali u kemm ekkleżjastika, u wara li ġiet mgħarbla tajjeb ħajtu Nisranija, bagħtu lil din il-Parroċċa sabiex nidfnu fl-istess knisja; liema (kadavru) jiena għaraft, u miksuba l-informazzjoni li ħajtu kienet Nisranija u kellu l-biża' ta' Alla, dfintu fil-Parroċċa Sagra tagħna. Hekk ikun. Franġisku Vella, Kappillan."[71]




16. Xahrejn wara mietet **Andreana Formosa**, armla ta' Benedittu, fis-**27 ta' Marzu, 1741**, ta' 60. Hi ma mitietx b'xi marda partikulari jew disgrazzja, imma, bħal Katerina Vella (12) fl-1734, ma setgħetx tikkomunika minħabba impediment (f'ilsienha).[72] Din kienet iz-zija ta' Nazju Buttigieg (7), u għalhekk bint Ġlormu Cremona u Katerina Farrugia (4, 7, 25), mgħammda fil-Matriċi fit-13 ta' Frar, 1663, minn Dun Mattew Dalli. Il-parrinu tagħha kien Vitor Borg.[73] Hija żżewġet lil Benedittu Formosa, mill-Għarb, bin Gaspru u Madalena, fis-6 ta' Settembru, 1694, fil-Knisja Parrokkjali tal-Għarb.[74] Missierha, Ġlormu Cremona, bin Franġisku[75] u Matteola, iżżewweġ lil Katerina Farrugia, bint Ġwanni u Ġulja, it-tnejn mill-Parroċċa tal-Matriċi, fit-22 ta' Awwissu, 1655, fil-Matriċi. Berkilhom iż-żwieġ Dun Mattew Gatt, il-Viċi-Arċipriet, waqt li x-xhieda kienu Dun Salvu Formosa u Mastru Salvu Cefai.[76] Ulied Ġlormu Cremona kienu jinkludu lil Kożmanu, li miet fit-28 ta' Frar, 1658, u ndifen fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina,[77] Xmun, li miet fid-29 ta' Settembru, 1658, u ndifen fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina,[78] Natalizja, li mietet fl-4 ta' Jannar, 1662,[79] u ndifnet fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina, Anġlu, li miet fis-7 ta' Ġunju, 1666, u ndifen fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina,[80] Marija, miżżewġa lil Ġwanni Marija Buttigieg, Anġelika, Anġelika oħra miżżewġa lil Vitor Zerafa, Mawrizju, u Andreana, miżżewġa lil Benedittu Formosa.

Ħut Ġlormu kienu jinkludu lil Marija, li mietet ta' tmint ijiem fit-28 ta' Ġunju, 1657, u ndifnet fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina.[81]




17. Sena wara, fit-**2 ta' Settembru, 1742**, miet **Ġwanni Aquilina**, missier Dun Frenġisku Saverju, ta' 60 sena. Dan qed insemmuh mhux biss għax Ġwanni kien missier saċerdot, imma wkoll għaliex għall-*ewwel* darba f'dan ir-reġistru jissemma l-Isptar ta' Għawdex, li dak iż-żmien kien rari wieħed imut fih. Minkejja dan, huwa espressament xtaq li jindifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Dan seħħ billi ibnu ġarru lejn ir-raħal bil-preżenza ta' saċerdot, wara li kien assigurat li miet bis-sagramenti mqaddsa.[82] Ġwanni Aquilina, bin Marku Antonju u Anġelika Vella, iżżewweġ lil Marija Caruana, bint Mattew u Ursula, u armla ta' Marju Cutajar, fis-27 ta' Ottubru, 1715, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Berkilhom iż-żwieġ il-Kappillan, Dun Franġisk Vella, waqt li x-xhieda kienu Tumas Zammit (7) u Klement Cutajar, it-tnejn miż-Żebbuġ. Marija Caruana kienet iżżewġet lil Marju Cutajar, bin Nazju u Andreana Abdilla, miż-Żebbuġ, fit-22 ta' Settembru, 1697, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Marija mietet fiż-Żebbuġ fid-29 ta' Lulju, 1738, ta' 60 sena, u ndifnet l-għada fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.




18. Fit-**23 ta' Settembru, 1743**, miet **Dun Franġisku Saverju Aquilina**, bin Ġwanni u Marija Caruana (ara fuq, 17), tal-età tant żgħira ta' 27 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Huwa twieled fiż-Żebbuġ fl-19 ta' Ottubru, 1716, u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ l-għada mill-Kappillan Dun Franġisku Vella. Il-parrinijiet tiegħu kienu Dun Xandru Aquilina, miż-Żebbuġ (ara isfel), Kappillan ta' Sannat, u oħtu, Marija Tabone, mart Ġustinu, ukoll residenti fis-Sannat. Kien ġa Akkoltu fl-1736.[83] Huwa ħalla bħala legat lill-knisja taż-Żebbuġ lok ta' djar b'mandra li kienet tinsab wara l-knisja prinċipali, li mid-dħul tagħha setgħu jitħallsu l-ispejjeż tas-servizzi liturġiċi fuq l-Altar tal-Immakulata Kunċizzjoni.[84]

Dan ir-reġistru jġib l-aħħar kitba tal-Kappillan, Dun Franġisk Vella, dik tal-10 ta' Ottubru, 1742. Sakemm miet hu fis-27 ta' Ottubru, 1743, il-kitba tal-imwiet saret minn Dun Salv Galea, Viċi-Kappillan. It-tieni Kappillan tar-raħal jibda jniżżel l-imwiet mis-17 ta' Marzu, 1743, bħala Viċi-Kappillan, u mill-5 ta' April, 1744, bħala Kappillan.




19. L-ewwel Kappillan taż-Żebbuġ, **Dun Franġisk Vella**, miet fis-**27 ta' Ottubru, 1743**, ta' 82 sena, wara li serva lill-parroċċa bħala Kappillan għal 54 sena, l-itwal parrokkat. Bin Nazju Vella u Tereża Zerafa, Dun Franġisk twieled fid-9 ta' Marzu, 1662, u tgħammed fl-istess jum fil-Matriċi mill-Arċipriet, il-Kan. Ġwanni Antonju Camilleri. Il-parrinu tiegħu kien Rokku Camilleri.[85] Missieru, Nazju Vella, bin il-Kjerku Pietru u Wiġa Sciriha, u hu l-Kjerku Ġakbu Vella[86] (30), Katerina,[87] Katerina oħra,[88] Salvu,[89] Marija,[90] tarbija żgħira,[91] Ġużeppi,[92] Salvu,[93] Duminku[94] u Katerina oħra,[95] iżżewweġ lil Tereża Zerafa, bint Indrì u Ġovanella, fit-30 ta' Jannar, 1655, fil-Matriċi. Berkilhom iż-żwieġ l-Arċipriet, il-Kan. Salvu Pontremoli, waqt li x-xhieda kienu Dun Luqa Camilleri, Dun Salvu Formosa u oħrajn.[96] Huwa miet fiż-Żebbuġ fl-10 ta' Jannar, 1718, fl-età ta' 94, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Martu mietet fit-22 ta' Settembru, 1684, u ndifnet fil-Matriċi.[97] Missier Nazju Vella, il-Kjerku Pietru, miet fil-5 ta' Marzu, 1657, u ndifen fil-Matriċi.[98] Omm Nazju Vella, Wiġa, mietet fil-11 ta' Novembru, 1661, u ndifnet fil-Matriċi.[99] Pietru Vella kien qaddej (*serviente*) tas-Sur Rokku Di Lorenzo.[100] Huwa kien ukoll wieħed mill-ewwel Kjerċi Miżżewġin miż-Żebbuġ, flimkien mal-Kjerku Filippu Seichel, li nafu bihom. Huwa jidher fost dawk li kellhom l-Ordnijiet Minuri meta ġew intervistati fid-9 ta' Frar, 1616, mill-Isqof Cagliares fl-ewwel Viżta Pastorali tiegħu f'Għawdex:

*Comparuit clericus Petrus Vella Gaulitanus et exhibuit privilegia tam clericatus, et quantum ordin[ationi]s minoris. Exhibuit quoq[ue] privilegiu[m] cuiusda[m] Juris pat[ronatu]s laicor[um] positum in Insula Gaudisij in contrata Sancti Demetrij appellata ta Dandalona, et Ta Modlun consistentis in duabus petijs terrae ad ... q[uondam] Joannis Haius alias Ghabir, ut patet in actis Mag[nifici] Notarij Petri Zamit, et ut constat in eius institut[ion]e rogata in actis ecc[lesiasti]cis sub die 12 mensis Decembris 1616 et sub script[ion]e et sigillo ... tenore celebrare facere una[m] in ...*

Li nittraduċi kif ġej:

"Deher il-Kjerku Pietru Vella, minn Għawdex, u wera l-privileġġi tiegħu, kemm tal-istat tiegħu kjerikali, u kemm tal-Ordinazzjoni tiegħu Minuri. Huwa wera wkoll il-privileġġ ta' ċertu Dritt ta' Patronat Lajkali, li jinsab fil-Gżira ta' Għawdex fl-inħawi ta' San Dimitri msejjaħ 'Ta' Dandalona' u 'Ta' Modlun',[101] li jikkonsisti f'żewġ biċċiet ta' art imħollija mill-mibki Ġwanni Agius imlaqqam 'Il-Kbir', kif jidher fl-Atti tan-Nutar Manifiku Pietru Zammit, u kif jidher fid-dispożizzjoni tiegħu reġistrata fl-Atti Ekkleżjastiċi tat-12 tax-xahar ta' Diċembru, 1616, u bil-firma u s-siġill, bl-obbligu li jara li tiġi ċċelebrata quddiesa waħda ...".

Mill-informazzjoni miġjuba hawn fuq, wieħed jista' jifhem li l-antenati fil-bogħod ta' Dun Franġisku Vella għexu fl-inħawi tal-Għarb fil-partijiet ta' fuq qrib il-Knisja ta' San Dimitri. Dun Franġisk Vella studja f'Malta mal-Ordni tad-Dumnikani fil-Belt Valletta,[102] u b'hekk kien l-ewwel persuna miż-Żebbuġ li nafu li studja barra Għawdex. Huwa ordna saċerdot f'Malta[103] u serva mingħajr ħlas bħala saċerdot fil-Matriċi ta' Għawdex.[104] Fl-1687, matul il-Viżta Pastorali tal-Isqof Davide Cocco

Palmieri f'Għawdex, Dun Franġisk Vella ġie eżaminat kemm bħala saċerdot u kemm bħala konfessur, u ġie kkonfermat. Bħala konfessur, huwa ġie kkonfermat biex iqarar l-irġiel biss.[105] Dan ifisser li ma kienx ilu li ordna saċerdot. Akille Ferres iżomm li serva bħala Viċi-Parrokku għall-Matriċi fil-Knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni.[106] Fil-fatt, din kienet il-Knisja tat-Tlugħ fis-Sema ta' Marija, li bit-tkabbir tal-istess knisja, saret biż-żmien il-Kappella tal-Kunċizzjoni li kien jaf biha Akille Ferres, u li twaqqgħet u nbiet mill-ġdid fit-tkabbir tal-istess Knisja Parrokkjali fis-seklu l-ieħor. Kien ta' din il-knisja żgħira li, dak iż-żmien, kienet toqgħod fil-Kappellun tal-Kurċifiss tal-Knisja preżenti, li Dun Franġisk Vella sar Kappillan, maħtur mill-Isqof Davide Cocco Palmeri fl-10 ta' Ġunju, 1689. Kien saċerdot ta' tjubija kbira u għerf u, skont it-tradizzjoni, kienet tidhirlu l-Madonna u titolbu jibni knisja ġdida. Tabilħaqq, huwa rrisponda għal dan il-messaġġ billi nefaq ġidu kollu u daħal f'dejn li mbagħad tħallas biss wara mewtu.[107] Dan il-Kappillan ħalla legati permezz tal-Atti tan-Nutar Wiġi Cremona tal-15 ta' Lulju, 1737, biex jitqaddsu quddies fil-Knisja ta' Santu Wistin fir-Rabat u fil-parroċċa tiegħu, u legati oħra lis-sagristani u għaż-żamma tal-knisja u għaċ-ċelebrazzjoni tal-Festa tagħha fl-anniversarju tad-dedikazzjoni tagħha, tal-Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni, tal-Festa tal-Isem ta' Ġesù u dik tal-Ispirtu s-Santu. Fuq kollox, huwa ħalla daru u l-ġnien lill-parroċċa, u llum iservu bħala r-residenza tal-Arċipriet u s-Sede tal-Każin tal-Banda Santa Marija rispettivament.[108] Permezz tal-Atti tan-Nutar Wiġi Cremona tat-3 ta' Awwissu, 1739, huwa ħalla l-librerija tiegħu lill-Monasteru l-ġdid tal-Patrijiet KapuċCini fir-Rabat ta' Għawdex.[109] Dawn il-kotba llum jinsabu fl-Arkivju tal-Monasterju tal-KapuċCini fil-Furjana.[110] Dun Franġisk jinsab midfun fil-Kappella tal-Immakulata Kunżizzjoni tal-Knisja Parrokkjali tiegħu. Meta din il-Kappella nqerdet biex tkabbret il-knisja preżenti, il-fdalijiet tiegħu bl-iskrizzjoni oriġinali tqegħdu f'monument fil-Kappella preżenti tal-Immakulata Kunċizzjoni. L-iskrizzjoni li hemm fuq il-monument tiegħu taqra hekk:

D[EO] O[PTIMO] M[AXIMO]
VT MEMORIA PRIMI PAROCHI HVJVS ECCL[ES]IAE D[ON] FRANCISCI VELLA OMNIB[VS]
INNOTESCERETVR[111] OB EJVS PIETATEM, DOCTRINAM, ZELVM AC IN PAVPERES
MIRAM LARGITATEM, MANDAVIT ILL[VSTRISSIMVS] ET REV[ERENDISSIMVS] D[OMI]NVS
FR[ATER] PAVLVS ALPHERAN
DE BVSSAN, EPISCOPVS MELIT[ENSIS] IN DECVRSV SVAE TERTIAE VISITATIONIS
SEPVLCRVM HOC FIERI TANTO PROVIDO PAROCO, QVI A FVNDAMENTIS
HANC EREXIT ECCL[ES]IAM, EAMQVE TOTAM REDDIDIT MARMOREA[M]. QVICVMQVE
PAROCHVS LEGERIT EPITAPHIVM DEMORTVI EXEMPLVM IMITATVR, ET ORAT
PRO EO. ANNO D[OMI]NI MDCCXLIV, DIE XXIV MEN[SIS] SEPTEMBRIS.

Din hija t-traduzzjoni tiegħi: "Lil Alla, l-Aħjar, l-Akbar. Biex il-memorja tal-ewwel Kappillan ta' din il-knisja, Dun Franġisku Vella, tkun magħrufa minn kulħadd minħabba t-tjubija, l-għerf, iż-żelu u l-ġenerożità tal-għaġeb tiegħu lejn il-fqar, il-Wisq Distint u Reverendu Sinjur Fra Paul Alpheran de Bussan, Isqof ta' Malta, tul it-tielet viżta tiegħu, ordna biex isir dan il-qabar għal Kappillan li tal-għaġeb kien jieħu ħsieb, li tella' din il-knisja mis-sisien, u seħħlu jagħmilha kompletament bl-irħam. Kwalunkwe Kappillan, li jkun qara (dan) l-epitafju, jimita l-eżempju tal-bniedem li ħalliena u jitlob għalih. Fis-sena tal-Mulej 1744, fl-24 tax-xahar ta' Settembru." Fost dawk mgħammda mill-Kappillan Vella, wieħed isemmi dawn li ġejjin li, wara, ġew ordnati saċerdoti: Dun Xandru Aquilna, Kappillan ta' Sannat, Dun Pietru Kożma Aquilina, ħuh u Kappillan tax-Xewkija, Dun Franġisku Saverju Aquilina, Dun Tumas Saliba, Dun Franġisk Manueli, Dun Mikiel Anġlu Camilleri u Dun Ġwanni Battista Camilleri. Fi żmienu, nafu li kienu jgħixu fiż-Żebbuġ żewġ qassisin oħra: il-Kanonku Pietru Cini u Dun Wistin Debono, imsemmijin isfel.




20. Fid-**19 ta' April, 1744**, għandna l-ewwel każ fejn resident taż-Żebbuġ xtaq jindifen f'post ieħor, eżattament fil-Matriċi, skont it-testment tiegħu magħmul għand in-Nutar Salvu Cordina.[112] Dan kien **Ġwanni Vella**, li miet ta' 76 sena. Bin Ġakbu u Margerita Cassar, huwa tgħammed fil-Matriċi fil-15 ta' April, 1671, mill-Arċipriet. Il-parrinu tiegħu kien Ġwanni Indrì Madiona.[113] Huwa żżewweġ lil Marija Micallef, bint Wistin u Maruzza, fil-11 ta' Ġunju, 1720, fil-Knisja Parrokkjali tal-Għarb.[114] Ġwanni Vella kien ħu Kristina, mart Orazju Camilleri, u għalhekk iz-ziju ta' Franġisku Camilleri (8) u ħuh, Dun Mikiel Anġlu Camilleri. Missieru, Ġakbu Vella, bin Duminku u Katerina, iżżewweġ lil Margerita Cassar, bint Fabrizju u Petronilla Zarb, fit-23 ta' Ottubru, 1664, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, ir-Rabat.[115]




21. Fit-**22 ta' Mejju, 1744**, miet saċerdot ieħor Żebbuġi f'Ta' Sannat, il-Kappillan stess ta' Sannat, **Dun Xandru Aquilina**, ta' 59 sena, bil-marda tal-idropsija.[116] Dun Xandru, ħu Dun Pietru Kożma Aquilina (ara fil-ħarġa tas-sena d-dieħla), twieled fiż-Żebbuġ u tgħammed fil-Matriċi fit-28 ta' Diċembru, 1684, mill-Kanonku Ġwanni Haber, Viċi-Arċipriet tal-Matriċi. Il-parrinu tiegħu kien Xandru Cini.[117] Dun Xandru Aquilina kien ġa Kjerku fit-13 ta' Mejju, 1698, fil-jum tal-ewwel Viżta Pastorali tal-Isqof Cocco Palmieri fil-Parroċċa taż-Żebbuġ.[118] Huwa studja l-Filosofija u t-Teoloġija fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti fil-Belt Valletta, u ġie ordnat saċerdot fis-16 ta' Marzu, 1709, mill-Isqof Cocco Palmieri. Serva l-ewwel bħala Prokuratur tal-Knisja taż-Żebbuġ u, wara, ġie maħtur bħala t-tieni Kappillan ta' Sannat mill-istess

isqof fit-18 ta' Ottubru, 1709. Fl-10 ta' Marzu, 1714, ġie maħtur mill-Isqof Giacomo Cañaves bħala Lettur fit-Teoloġija Morali fl-Iskola tal-Matriċi,[119] fejn għallem ukoll il-Filosofija. Dun Xandru kompla l-proġett mibdi mill-predeċessur tiegħu, dak li jibni knisja ġdida f'Ta' Sannat, li l-bini tagħha huwa temm fl-1723. Sakemm dam Kappillan ta' hemm, twaqqfet il-Konfraternità tas-Sagrament Mqaddes fit-8 ta' Novembru, 1716, waqt li dik tar-Rużarju Mqaddes twaqqfet fit-22 ta' Ottubru, 1720. Meta Għawdex kien għaddej minn nixfa kbira, huwa talab għax-xita waqt li sawwat lilu nnifsu fil-Knisja tal-Patroċinju tal-Madonna fl-Għasri, u x-xita niżlet kwarta wara![120] Wara mewtu, ħuh, Dun Pietru Kożma Aquilina, u oħtu, Marija, poġġew iskrizzjoni bil-Latin fuq il-qabar tiegħu. Din il-lapida hija llum mgħottija bil-paviment miġjub minn Malta wara t-tieni Gwerra Dinjija u li tpoġġa fuq l-oqbra tal-knisja.[121] Dan huwa t-test bil-Latin tal-iskrizzjoni:

SISTE, LEGE, VIATOR, ET LVGE:
HEIC QVIESCVNT CINERES
D[ONNI] ALEXANDRI AQVILINA S.T.P. GAVLITANI,
QVI,
EMERSO STVDIORVM CVRRICVLO IN MELITENSI SOC[IETATIS] IESV COLLEGIO,
VITAE INTEGRITATE ET SCIENTIA IVVENIS PRAEDITVS,
IVRE MERITO LECTORIS MORALIS IN COLLEGIATA GAVLOS ECCLESIA
HONOREM CONSECVTVS,
SECVNDVS HVIVS PAROECIAE SANNAT
ELECTVS PAROCHVS ANNO AETATIS XXIV,
ANIMI CANDORE MORVMQVE LENITATE[122], OMNIBUS APPRIME CARITATE[123],
BREVI MORBO MAGIS QVAM AETATE CONFECTVS,
CVNCTIS INSVLAE INCOLIS MORIENS
DESIDERIVM SVI RELIQVIT DIE XXII MAII
ANNO D[OMI]NI MDCCXLIV AETATIS 60.
PAROCHVS D[ON] PETRVS ET MARIA AQVILINA, FRATER ET SOROR MAERENTES,
ANNO MDCCLXI
HOC MONVMENTVM P[OSVERVNT].

Din hija t-traduzzjoni tiegħi:

"Ieqaf, aqra, O vjaġġatur, u ibki: hawn qed jistrieħu l-fdalijiet ta' Dun Xandru Aquilina, S.T.P., minn Għawdex, li wara li temm il-kors tal-istudji fil-Kulleġġ tas-Soċjetà ta' Ġesù f'Malta, żagħżugħ mogħni b'integrità ta' ħajja u b'għerf, wara li legalment ngħata l-unur (li jkun maħtur), kif kien jixraqlu, Lettur fit-(Teoloġija) Morali fil-Kolleġġjata ta' Għawdex, wara li ntgħażel bħala t-tieni Kappillan ta' din il-Parroċċa ta' Sannat fl-età ta' 24, (saċerdot) b'żelu, ħniena u speċjalment imħabba lejn kulħadd, wara li ttiekel minn marda qasira iktar mill-età, ħalla f'mewtu, fit-22 ta' Mejju, fis-sena tal-Mulej 1744, tal-età ta' 60 sena, tixniq għalih mill-abitanti kollha tal-Gżira. Il-Kappillan Dun Pietru u Marija Aquilina, ħuh u oħtu, b'dieqa poġġew din b'memorja (tiegħu) fis-sena 1761." Din oħt il-Kappillan Dun Xandru Aquilina, miżżewġa lil Ġustinu Tabone, kienet sid id-dar li saret ir-residenza uffiċċjali tal-Kappillan ta' Sannat, li hija bniet maġenb il-Knisja Parrokkjali u, wara, ħallietha lill-Knisja. Flimkien ma' Dun Xandru, hija kienet il-parrina fil-magħmudija ta' Dun Franġisku Saverju Aquilina (18). Fis-sagristija tal-Parroċċa ta' Sannat hemm iskrizzjoni oħra taħt il-pittura ta' Dun Xandru Aquilina, li t-test tagħha huwa kif ġej:

D[ONNI] ALEXANDRI AQVILINA, S.T.P., GAVL[ITA]NI,
PAROECIAE SANNAT VIGILANTIS[SI]MI RECTORIS,
HEIC HABES IMAGINEM,
QVI, DVM VIVERET, OMNES ET INDIGENAS ET ALIENIGENAS FECERAT SVI ADMIRATORES
OB LITERAS AC COLLOQVIA ET GRAVISSIMA MONITA.
TANDEM, DICTIS CLARVS ET FACTIS, OB[IIT] AN[NO] MDCCXLIV, DIE XXII MAII, AETAT[IS] LIX.

Li jiena nittraduċi kif ġej:

"Hawnhekk għandek xhieha ta' Dun Xandru Aquilina S.T.P., minn Għawdex, Rettur mill-aktar viġilanti tal-Parroċċa ta' Sannat li, sakemm dam ħaj, kien għamel kemm l-abitanti lokali kollha u kemm il-barranin ammiraturi tiegħu minħabba l-kitbiet u t-taħdidiet (tiegħu), kif ukoll il-pariri mill-aktar profondi. Fl-aħħar, magħruf għal kliemu u għemilu, miet fis-sena 1744, fit-22 ta' Mejju, fl-età ta' 59." Missieru, Salvu Aquilina, bin Pietru u Arġentina *sive* Wistina, iżżewweġ lil Tereża Tabone, bint Xmun (30) u Grazzja, fil-Knisja Matriċi fis-27 ta' Settembru, 1676. Birkilhom iż-żwieġ Dun Kalisa Muscat, waqt li x-xhieda kienu Xandru Cini u Ġwanni Marija Carnemolla.[124] Ħut Dun Xandru Aquilina kienu jinkludu lil Dun Pietru Kożma, Kappillan tax-Xewkija, li fuqu ser nitkellmu s-sena d-dieħla, Marija, mart Ġustinu Tabone, imsemmija fuq, Roża (32), mart Franġisku Fava, u Ġwanni Duminku (32).




22. Fl-istess sena miet **Marċellu Saliba**, bin Ġwanni Marija u Marija, fid-**19 ta' Ġunju, 1744**, ta' 24 sena. Għalkemm ma nafux b'liema marda miet, kellu jitniżżel, bħal fil-każ ta' Andreana Formosa (16), li ma setax jikkomunika għax ma kienx siktu f'moħħu.[125] Huwa twieled fiż-Żebbuġ fil-15 ta' Jannar, 1718, u tgħammed fl-istess jum mill-Kappillan, Dun Franġisk Vella, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Il-parrini tiegħu kienu Pietru Cini u Kristina Camilleri (8, 20), mart Orazju, it-tnejn miż-Żebbuġ. Missieru, Ġwanni Marija, bin Girgor u Lawrenza, u iz-ziju ta' Sor Maria Saliba (ara fil-ħarġa tas-sena d-dieħla), twieled fiż-Żebbuġ fit-13 ta' Novembru, 1694, u tgħammed l-għada mill-Kappillan, Dun Franġisk Vella, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Il-parrinijiet kienu Natali Formosa u Marija Gatt, bint Ġulju. Huwa miet fiż-Żebbuġ fis-26 ta' Mejju, 1756, ta' 64 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Omm Marċellu mietet fiż-Żebbuġ fil-15 ta' Ottubru, 1779, ta' 89, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.

23.




24. Sentejn wara, fl-**20 ta' Mejju, 1746**, niltaqgħu mat-tieni mewt ta' tarbija (l-ewwel waħda kienet dik tal-1734), din id-darba dik ta' **Mikiel Attard**, bin Karmelu u Marija Camilleri, ta' sitt ijiem. Qegħdin insemmuh mhux biss għax kien tarbija, imma wkoll għall-kumment li l-Kappillan għamel għall-ewwel darba f'dan ir-reġistru, u l-unika darba, li fil-funeral kien akkumpanjat bil-kant tal-kor.[126] Missieru, Karmelu Attard (8), bin Franġisku u Duminka Tanti, twieled fir-Rabat fl-4 ta' Awwissu, 1698, u tgħammed l-għada fil-Matriċi mill-Viċi-Arċipriet Ġwanni Pietru Dalli. Il-parrina tiegħu kienet Duminka Madiona, mart Ewġenju.[127] Huwa żżewweġ lil Marija Camilleri, bint Ewġenju u Kjara (8, 9, 13, 28, 31), miż-Żebbuġ, fl-14 ta' Diċembru, 1720, każwalment u mingħajr pubblikazzjoni taż-żwieġ, barra mis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ, wara l-quddiesa u fil-preżenza ta' Mawrizju Cassar u Ġwanni Marija Abdilla. Bl-ordni tal-Pro-Vigarju Ġenerali, il-Kappillan Franġisku Vella ppubblika dan iż-żwieġ fis-16 ta' Frar, 1721, bix-xhieda ta' Duminku Zahra u Wistin Saliba, it-tnejn miż-Żebbuġ. Marija Camilleri kienet iz-zija ta' Dun Ġwanni Battista Camilleri u prim kuġina ta' Franġisku Camilleri, bin Orazju u Kristina Vella (8). Ħuwa, Indrì Camilleri, iżżewweġ lil Evanġelista Attard, in-neputija tal-istess Karmelu Attard, u sar missier l-imsemmi Dun Ġwanni Battista Camilleri. Karmelu Attard miet fiż-Żebbuġ fil-21 ta' Jannar, 1783, ta' 86 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Martu, Marija, twieldet fiż-Żebbuġ fil-15 ta' Jannar, 1702, u tgħammdet fl-istess jum mill-Kappillan Franġisku Vella bl-isem ta' Pawla Marija. Il-parrinijiet tagħha kienu Ġwanni Marija Abela, mill-Għarb, u Alfonsa Saliba (13, 25), mart Klement, miż-Żebbuġ. Hija mietet fiż-Żebbuġ fis-27 ta' Diċembru, 1777, ta' 74 sena, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.




25. Sena wara, fit-**30 ta' Lulju, 1747**, miet **Ġwanni Duminku Zahra**, ta' 80 sena. Ir-raġuni għaliex qegħdin insemmuh hi l-fatt li hu ma setax jitqarben minħabba l-istess kundizzjoni tal-marda tiegħu, u għalhekk irċieva biss il-Griżma tal-Morda.[128] Huwa żżewweġ lil Ursula Sacco, bint Luqa u Ewġenja Zammit, fl-1698 fil-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba.[129] Missieru, Paskal Zahra, bin Antonju u Anġla, iżżewweġ lil Luċija Zarb, bint Mattew u Katerina, fit-8 ta' Settembru, 1659, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq.[130]




26. Sena wara, fil-**31 ta' Jannar, 1748**, mietet **Marija Tabone**, mart Luqa ta' 35 sena. Minħabba problema f'moħħha, hija ma setgħetx tirċievi l-Vjatku. Hija twieldet fiż-Żebbuġ fit-2 ta' Diċembru, 1713, u tgħammdet fl-istess jum mill-Kappillan Franġisku Vella. Il-parrinijiet tagħha kienu Mastru Ġużeppi Dalli, miċ-Ċittadella ta' Għawdex, u Alfonsa Saliba (13, 23), mart Klement, miż-Żebbuġ. Hija żżewġet lil Luqa Tabone, bin Salvu u Marija Franġiska, fid-19 ta' Settembru, 1734, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Berkilhom iż-żwieġ Dun Tumas [Saliba], waqt li x-xhieda kienu Albertu Busuttil u Xmun Aquilina. Missierha, Vitor Zerafa, bin Ġorġ u Marija Saliba, iżżewweġ lil Anġelika Cremona, bint Ġlormu u Katerina Farrugia (4, 7, 16), fl-14 ta' Awwissu, 1707, fil-Matriċi.[131] Huwa miet fiż-Żebbuġ fit-3 ta' April, 1741, ta' 60 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Anġelika Zerafa mietet fiż-Żebbuġ fis-6 ta' Lulju, 1760, ta' 92 sena, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.




**27. Dun Wistin Debono**, bin in-Nutar Tumas u Grazzja Stivala, kien in-neputi ta' Dun Franġisku Stivala (3). Huwa miet fir-Rabat fil-**11 ta' Marzu, 1749**, fl-età ta' 85, u ndifen fil-Matriċi.[132] Huwa tgħammed fil-Matriċi fit-28 ta' Awwissu, 1664, mill-Arċipriet, il-Kanonku Ġwanni Antonju Camilleri. Il-parrinu tiegħu kien Dun Marċellu Frendo.[133] Ħutu kienu jinkludu lil Dun Salvu (6), li miet fit-13 ta' Diċembru, 1712, fl-età ta' 53, u ndifen fil-Matriċi fil-qabar numru 3;[134] Publju, li miet fid-9 ta' Lulju, 1657, u ndifen fil-Matriċi;[135] Duminku, li tgħammed fil-11 ta' Marzu, 1658,[136] u miet fit-8 ta' Mejju, 1658, u ndifen fil-Matriċi;[137] Sor Marija Franġiska, li mietet fit-23 ta' Novembru, 1712, ta' 86 sena, u ndifnet fil-Knisja ta' San Franġisk, ir-Rabat ta' Għawdex;[138] Anna Marija, li twieldet fir-Rabat fid-19 ta' Ġunju, 1653, u tgħammdet l-għada fil-Matriċi,[139] u mietet fis-17 ta' Ottubru, 1708, fl-età ta' 55, u ndifnet fil-Matriċi fil-qabar numru 25;[140] u Tereża, li tgħammdet fil-Matriċi fil-5 ta' Ġunju, 1661.[141] Huwa kellu wkoll oħtu addottata, Anjeża, li mietet fis-6 ta' April, 1719, ta' 70 sena, u ndifnet fil-Knisja ta' San Franġisk fir-Rabat ta' Għawdex.[142] Dun Wistin Debono kienu għadu Kjerku sa April, 1687, u ngħata l-Ordnijiet Minuri minn ħuh, Dun Salvu Debono, fil-Matriċi fejn kien jagħti servizz mingħajr ħlas. Din l-informazzjoni fuq l-Ordnijiet Minuri tiegħu Dun Wistin ta lill-Isqof Cocco Palmieri fil-15 ta' Marzu, 1687.[143] Sal-1698, huwa kien ġa saċerdot, wara li kien ġie ordnat f'Katanja, u serva bi ħlas (*stipendiatus*) bħala Kappillan tal-Kor fil-Matriċi.[144] Missieru, in-Nutar Tumas Debono, bin Duminku u Mattja, iżżewweġ lil Grazzja Stivala, bint Ġwanni Marija u Ġlorma Corso, it-tnejn mill-Parroċċa tal-Matriċi, fit-18 ta' Novembru, 1646, fil-Matriċi. Birkilhom iż-żwieġ Dun Paskal Bugeja, Viċi-Arċipriet, waqt li x-xhieda kienu Mastru Ġwanni Marija Decace, id-Djaknu Girgor Cini u oħrajn.[145] L-Attijiet notarili tiegħu, li jmorru lura lejn l-1640, huma l-eqdem dokumenti li l-Arkivju ta' Għawdex jippossjedi.[146] Huwa miet fis-7 ta' Jannar, 1697, ta' 83 sena, u ndifen fil-Matriċi.[147]

28.




29. Fis-**16 ta' Awwissu, 1749**, miet **Mikiel Farrugia**, bin Orazju u Marija, ta' 60 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Qiegħed jissemma hawn mhux biss għaliex sena wara mewtu, fl-1750, ħalla lampier tal-fidda, li għadu jintuża fil-festa sal-lum, li fih hemm minqux x-xbieha tal-Ispirtu s-Santu u ta' żewġ qaddisin oħra, imma wkoll għaliex kien l-ewwel persuna li tgħammed mill-ewwel Kappillan taż-Żebbuġ. Huwa twieled fiż-Żebbuġ fis-17 ta' Ġunju, 1689, u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Ir-reġistru tal-magħmudijiet jagħtina l-ewwel isem tiegħu bħala "Xmun".[148] Il-parrinu tiegħu kien Xmun Farrugia. Mikiel Farrugia żżewweġ lil Kożmana Cutajar, bint Albertu u Marija, miż-Żebbuġ, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ fil-31 ta' Jannar, 1717. Birkilhom iż-żwieġ il-Kappillan Dun Franġisku Vella, waqt li x-xhieda kienu Ġwanni Marija Zahra, bin Duminku, u Marjettu Vella, bin Salvu. Mikiel laħaq ukoll l-ewwel sagristan tal-Knisja tal-Patroċinju tal-Madonna fl-Għasri fl-4 ta' Ottubru, 1738.[149] Martu, Kożmana, mietet fiż-Żebbuġ fl-20 ta' April, 1756, fl-età ta' 50 sena, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Missieru, Orazju Farrugia, bin Mikiel u Grazzja, iżżewweġ lil Marija Bonnici, bint Matteolu u Speranza (2, 30), fis-27 ta' April, 1687, fil-Matriċi. Birkilhom iż-żwieġ Dun Bernardu Haber, waqt li x-xhieda kienu l-Kjerku Ġużeppi Farrugia u Lawrenz Azzopardi.[150] Miet fiż-Żebbuġ fil-15 ta' Ġunju, 1737, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Martu, Marija, mietet fiż-Żebbuġ fit-12 ta' Lulju, 1725, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.




30. Sena wara, fit-**28 ta' Settembru, 1750**, miet fl-Isptar ta' Għawdex, it-tieni każ li jissemma f'dan ir-reġistru, **Ġwanni Indrì Cini**, ħu Kjara, mart Ewġenju Camilleri (8, 9, 13, 23, 31), in-nanna ta' Dun Ġwanni Battista Camilleri (ara fil-ħarġa tas-sena d-dieħla), u ħu Sor Marija Cini (9), ta' 76. Huwa ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.[151] Huwa tgħammed fil-Matriċi fit-8 ta' Frar, 1671, mill-Arċipriet. Il-parrinu tiegħu kien Ġulju Bajada.[152] Huwa żżewweġ lil Ubaldiska Saliba, bint Lawrenz u Anġelika Madiona, fis-26 ta' Awwissu, 1694, fil-Knisja ta' San Ġorġ, ir-Rabat.[153] Missieru, Antonju Cini, bin Indrì u Andreana, ħu l-Kanonku Pietru Cini (1), wara li romol minn Marija Theuma, bint Pietru u Ġovanella, li kien iżżewwiġha fid-19 ta' Awwissu, 1640, fil-Matriċi,[154] iżżewweġ lil Speranza Zahra, bint Ġwanni Battista u Marija Laurier, fl-10 ta' April, 1660, fil-Matriċi. Ix-xhieda kienu Dun Orazju Sammut u Ġużeppi Amaira.[155] Huwa miet fiż-Żebbuġ fit-2 ta' Ottubru, 1694, ta' 75 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Uliedu kienu jinkludu lil Klement, li miet fil-15 ta' Jannar, 1661, u ndifen fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina.[156]




31. Tliet xhur wara, fl-**10 ta' Diċembru, 1750**, mietet **Anna Micallef**, ta' 70 sena, li wkoll, minħabba l-marda tagħha ma setgħetx tirċievi l-Vjatku.[157] Hija żżewġet lil Vinċenz Micallef, bin Orazju u Marija, fil-11 ta' Jannar, 1705, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Berkilhom iż-żwieġ il-Kappillan Franġisku Vella, waqt li x-xhieda kienu Tumas Zammit, bin Salvu, u Ġwanni Battista Marchese, bin Ġużeppi, it-tnejn miż-Żebbuġ. Missierha, Marjanu Carnemolla, bin Bernardu u Arġenta, iżżewweġ lil Marija Xuereb, bint Paskal u Grazzja, fil-31 ta' Lulju, 1666, fil-Knisja ta' San Ġorġ, ir-Rabat.[158] Huwa miet fiż-Żebbuġ fid-19 ta' Ottubru, 1694, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Marija Carnemolla mietet fiż-Żebbuġ fil-21 ta' Frar, 1730, ta' 85 sena, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. L-ispejjeż tal-funeral tħallsu mill-parroċċa.




32. Sena wara, fit-**22 ta' Novembru, 1751**, miet f'salt fil-Knisja taż-Żebbuġ **Franġisku Portelli** (13) kawża ta' għajja. Huwa mar il-knisja għas-smiegħ tal-quddiesa. Qabel ma spiċċat, huwa waqa' f'kaxxa żgħira ħdejn l-Altar tar-Rużarju Mqaddes, u miet immedjatament.[159] Huwa żżewweġ lil Marija Cutajar, bint Mikiel u Evanġelista, fit-22 ta' Awwissu, 1715, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Berkilhom iż-żwieġ il-Kappillan Franġisku Vella, waqt li x-xhieda kienu Duminku Cassar, Duminku Dimech u Orazju Farrugia (27), kollha miż-Żebbuġ. Missieru, Benedittu Portelli, bin Pietru u Ursula, iżżewweġ lil Margerita Bonnici, bint Matteolu u Speranza (2, 27), fid-29 ta' Awwissu, 1677, fil-Matriċi. Ix-xhieda kienu l-Kjerku Ġakbu Vella (19), iz-ziju tal-Kappillan Franġisku Vella, u Mastru Xmun Tabone (21).[160] Margerita Portelli mietet fiż-Żebbuġ fis-27 ta' Jannar, 1725, ta' 80 sena, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Barra lil Franġisku, huma kellhom ukoll lil Anna, li mietet fit-28 ta' Settembru, 1684, ta' tliet snin u ndifnet fil-Knisja Ta' Savina,[161] u lil Vinċenz, li miet fis-27 ta' Ottubru, 1685, ta' tmien xhur.[162]




33. Fl-**24 ta' Diċembru, 1760**, miet **Ġużeppi Camilleri**, ta' 32 sena, mingħajr il-Vjatku peress li ma setax jibla'.[163] Twieled fiż-Żebbuġ fl-24 ta' Frar, 1728, u tgħammed fl-istess jum mill-Kappillan Franġisku Vella fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Il-parrina tiegħu kienet Roża Cini (9), bint Antonju u Speranza u oħt Sor Marija Cini, miż-Żebbuġ. Missieru, Antonju Camilleri, bin Ewġenju u Kjara (8, 9, 13, 23, 28), twieled fiż-Żebbuġ fit-22 ta' Settembru, 1697, u tgħammed fl-istess jum minn Dun Kunsalv Muscat fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Huwa żżewweġ lil Margerita Vella, bint Kożmanu u Klemenza, fid-19 ta' Novembru, 1724, fil-Knisja Matriċi.[164] Miet

fiż-Żebbuġ fis-27 ta' Frar, 1777, ta' 80 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Margerita Camilleri mietet fl-1 ta' Ottubru, 1760, ta' 57 sena, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.




34. Sena wara miet tifel ta' 14-il sena. Ma setax jirċievi l-Vjatku kemm minħabba li ma setax jibla', u kemm minħabba li ma kellux l-użu tal-menti tiegħu.[165] Dan kien **Anġlu Cini**, bin Ċelestinu u Anna Attard, li miet fl-**20 ta' Jannar, 1761**. Huwa twieled fiż-Żebbuġ fl-4 ta' April, 1746, u tgħammed fl-istess jum mill-Kappillan Vinċenz Tabone fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Il-parrinijiet tiegħu kienu Rożarju Attard u Feliċita Aquilina, it-tnejn miż-Żebbuġ. Missieru, Ċelestinu, bin Ġwanni Indrì u Ubaldiska (28), twieled fiż-Żebbuġ fit-8 ta' Lulju, 1710, u tgħammed l-għada minn Dun Alessandru Aquilina, Kappillan ta' Sannat, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Il-parrinijiet tiegħu kienu Ġwanni Duminku Aquilina (21), bin Salvu, u oħtu Roża (21), mart Franġisku Fava, it-tnejn miż-Żebbuġ. Huwa żżewweġ lil Anna Attard, bint Filippu u Margerita, fid-9 ta' Settembru, 1731, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Berkilhom iż-żwieġ Dun Wistin Debono (26), waqt li x-xhieda kienu Franġisku Zahra u Abram Zammit, it-tnejn miż-Żebbuġ. Huwa miet fiż-Żebbuġ fit-12 ta' Jannar, 1761, ta' 52 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Martu, Anna Attard, twieldet fiż-Żebbuġ fid-9 ta' Novembru, 1707, u tgħammdet fl-istess jum mill-Kappillan Franġisku Vella fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Il-parrinijiet tagħha kienu Ġwanni Battista Marchese u Marija Madiona, mart Lazzru, it-tnejn miż-Żebbuġ. Hija mietet fiż-Żebbuġ fit-12 ta' Marzu, 1779, ta' 75 sena, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ.

*Ikompli s-sena d-dieħla.*

**Abbrevjazzjonijiet**

A.K.A.: Arkivju Kurja Arċisqof
A.K.M.: Arkivju Katidral Malta
A.P.I.: Arkivju Parrokkjali Imqabba
A.P.K.: Arkivju Parrokkjali Katidral (Għawdex)
A.P.N.: Arkivju Parrokkjali Nadur
A.P.Għarb: Arkivju Parrokkjali Għarb
A.P.S.: Arkivju Parrokkjali Sannat
A.P.S.Ġ.: Arkivju Parrokkjali San Ġorġ (Għawdex)
A.P.V.: Arkivju Parrokkjali Victoriosa
A.P.Ż.: Arkivju Parrokkjali Żurrieq
A.P.Żebb.: Arkivju Parrokkjali Żebbuġ
A.P.Żebb. Malta: Arkivju Parrokjali Ħaż-Żebbuġ (Malta)
*D.O.: Documenta ordinationum*
*V.P.: Visita pastoralis*

**Appendiċi Ġenealoġiċi**




[1] *praeter S[anctissim]u[m] Viaticu[m] ob impedimentu[m] deglutionis et ammissione[m] ra[tio]nis.*

Franġisku Camilleri (8)

Ġw. Indrì Cini (28) -Ubaldiska Saliba

Salvu Vella (13)

Filippu Attard-Margerita

Ċelestinu Cini-Anna Attard

Anġlu Cini (32)

Margerita Cini

Tommasika Cini

**Dun Mikiel Anġlu Camilleri**

Karmelu Attard (8) -Marija Camilleri

Ġlormu Cini-Katerina Bugeja

Ġużeppi Camilleri-Speranza Caruana

Antonju Camilleri-Margerita Vella

Ġużeppi Camilleri (31)

Ursula Cini

Pietru Pawlu Cini

Indrì Camilleri-Evanġ. Attard

**Dun Ġw. Battista Camilleri**

Roża Cini (31)

Kożmanu Vella-Klemenza

Mikiel Attard (23)

Wistin Micallef-Maruzza

Ġwanni Vella (20) – Marija Micall

Klement Cini

Paskal Farrugia-Vennera Camilleri

Xmun Farrugia-Marija Zammit

Paskal Farrugia (2) -Pawla Bonnici

Anna Portelli

Vinċenz Portelli

Matteolu Bonnici-Speranza (2, 27, 30)

Pietru Portelli-Ursula

Benedittu Portelli-Margerita Bonnici

Franġisku Portelli (13,30)-Marija Cutajar

Mikiel Cutajar-Evanġelista

Albertu Cutajar-Marija

Mikiel Farrugia-Grazzja

Orazju Farrugia-Marija Bonnici (30)

Mikiel Farrugia (27) -Kożmana Cutajar

---

Marjanu Stivala-Marjetta

Ġw. Marija Stivala-Ġlorma Corso

**Dun Franġisk Stivala** (3)

**Dun Salvu Debono** (6)

Duminku Debono

Tereża Debono

Paskal Corso

Katerina Stivala

Fjorenza Stivala

Publju Debono

**Sor Marija Franġiska Debono**

Anjeża Debono

Duminku Debono-Mattja

**Nut. Tumas Debono**-Grazzja Stiv

**Dun Wistin Debono** (26)

Anna Marija Debono

Ġwanni Duminku Stivala

Antonju Attard-Nażika Zammit

Salvu Cefai-Imperja Attard

Bernard Saliba-Grazzja

Mastru Danjel Cefai

Ġw. Anġlu Cefai (2)(4)-Katerina Saliba

Marjanu Zammit-Marjetta

Ferrandu Zammit-Leonora Mamo

Mawrizju Zammit (5) – Anġelika Muscat

Ġwanni Mamo-Antonina

Ġużeppi Muscat-Mundika Falzon

---

Ġorġ Zerafa-Marija Saliba

Ġużeppi Buttigieg-Marija

Ġw. Marija Buttigieg-Maria Cremona

Nazju Buttigieg (7)

Anġelika Cremona

Xmun Cremona

Xmun Zammit-Margerita Cumbo

Salvu Cutajar-Marija

Franġisku Cremona-Matteola

Ġl. Cremona (4, 7,16,25)-Kat. Farrugia

Benedittu Formosa-Andreana Cremona (16)

Vitor Zerafa-Anġelika Cremona

Luqa Tabone-Marija Zerafa (25)

Kożmanu Cremona

Lawrenz Saliba-Anġelika Madiona

Leonardu Abdilla-Andreana

Ġwanni Farrugia-Ġulja

Gaspru Formosa-Madalena

Salvu Tabone-M. Franġiska

Mawrizju Cremona (7)

Anġlu Cremona

Marija Cremona

Xmun Mintoff-Anġelika

---

Vincenz Abdilla-Grazzja Mintoff

Franġisku Abdilla-Tereża Zammit

Ġwanni Abdilla-Antonja Zerafa

Duminku Cassar-Katerina Abdilla

Kristofru Cassar-Marija Galea

Rużarju Cassar-Marija Cini

Indrì Aquilina-Ġovannina Azzopardi

Luqa Aquilina-Margerita Muscat

Marku Antonju Aquilina-Anġelika Vella

Ġwanni Aquilina (17)-Marija Caruana<br>-Marju Cutajar

**Dun Franġisku Saverju Aquilina** (18)

Veronika Aquilina

Salvu Zammit-Marija

Mattja Abdilla

Nazju Cutajar-Andreana Abdilla

Tumas Zammit-Marija Abdilla

Antonju Cini-Roża

Ġ. Indrì Cini-Ubaldiska Saliba

Paskal Muscat-Marjetta Grech

Marija Abdilla

Mattew Caruana-Ursula

Ġwanni Marija Saliba-Marija

Marċellu Saliba (22)

Katerina Abdilla

Alonzu Stivala-Lawrenza

Ġlormu Stivala-Grazzja Zammit

Orazju Cassar-Katerina

Ġużeppi Galea-Wiġa

Indrì Cutajar-Agata Saliba

Klement Abdilla

Mattja Abdilla

Ġakbu Vella-Katerina

Girgor Saliba-Lawrenza

Mikiel Saliba-Roża Caruana

**Sor Marija Saliba**

Ġwanni Marija Caruana-Margerita Duminku Mizzi-Anna Vella

**Kj. Ġużeppi Caruana**-Marija Mizzi

Ġwanni Caruana (10)

---

Antonju Portelli-Iżabella Maruzzu Caruana-Marija Farrugia

Gejtanu Portelli-Petronilla Caruana

Beninju Portelli (11)

---

Matteolu Gambin-Grazzja Tumas Mizzi-Grazzja

Salvu Gambin-Vittorja Mizzi Salvu Vella-Pawla

Nazju Vella-Katerina Gambin (12)

---

Ġulju Manueli-Katerina Ġlormu Bigeni-Margerita Micallef

Ġw. Pawlu Manueli-Maria Bigeni Marċellu Cassar-Marija Ġulju Mercieca-Marija

Ġw. Marija Manueli (14)-Anġelika Cassar/Alberta Mercieca Klement Saliba-Alfonsa (13,23,25)

Ġw. Pawlu Manueli-Ursula Saliba **Dun Franġisk Manueli**

Pietru Klement Manueli (13) Ġw. Marija Manueli-Liberata Agius

**Kan. Anġlu Manueli**

---

Anġlu Canciun-Imperia

Antonju Vella-Ġulja Ġakbu Sciriha-Ġovanella Canciun

**Kj. Pietru Vella**-Wiġa Sciriha Grazzja Vella Indrì Zerafa-Ġovanella

Nazju Vella-Tereża Zerafa Marija Sciriha Ġ. Franġisku Sciriha

**Dun Franġisku Vella (19)** Marija Sciriha **Kj. Ġakbu Vella** (30)

Katerina Vella Duminku Vella Gustinu Vella

Ġwanni Marija Vella Katerina Vella Evanġelista Vella

Wiġi Vella Marjetta Vella Duminku Vella

Ġaċintu Vella Salvu Vella Ġużeppi Vella

? Vella Marija Vella Salvu Vella

Ġovanella Vella Katerina Vella Katerina Vella

Pietru Aquilina-Agostina — Xmun Tabone-Grazzja

Salvu Aquilina-Tereża Tabone — Ġwanni Marija Fava-Vittorja — Duminku Abela-Katerina

**Dun Xandru Aquilina** (21) — **Dun Pietru Kożma Aquilina** — Ġustinu Tabone-Marija Aquilina

Franġisku Fava-Roża Aquilina (32) — Ġw. Duminku Aquilina (32) – Roża Abela

---

Antonju Zahra-Anġla — Mattew Zarb-Katerina

Paskal Zahra-Luċija Zarb — Luqa Sacco-Ewġenja

Ġw. Duminku Zahra (24) – Ursula Sacco

---

Bernardu Carnemolla-Arġenta — Paskal Xuereb-Grazzja

Orazju Micallef-Marija — Marjanu Carnemolla-Marija Xuereb

Vinċenz Micallef-Anna Carnemolla (29)

---

1 Ħu Franġisku Bugeja, Ġwanni Marija, miet fil-31 ta' Awwissu, 1680, ta' sena, u ndifen fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*). Ħuh ieħor kien Marju, li miet ta' 8 t'ijiem fit-28 ta' Jannar, 1684 (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*). Oħtohom, Anna, mietet fil-25 ta' Ottubru, 1669, ta' sitt xhur, u ndifnet fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

2 H.C.R. Vella, *The earliest Church Register in Gozo: 1554-1628*, Qormi, Print Right Ltd, 2010.

3 Kull magħmudija, żwieġ u mewt li seħħet fiż-Żebbuġ hija meħuda mir-reġistri tal-parroċċa.

4 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*

5 H.C.R. Vella (2010), 20.

6 A.K.A., *D.O.* 5, ff.12 u 209v.: *va in habito e tonsura e serve la chiesa.*

7 A.K.A., *D.O.* 5, ff.100v. u 209v.

8 A.K.A. *D.O.* 5, ff.209v.-210 u 301v.

9 A.K.A., *D.O.* 5, ff.295, 298 u 307.

10 A.K.A., *D.O.* 5, f. 296.

11 I.X. Mifsud (1757), *Ecclesiasticae Melitensis Historiae fragmentum sacram chronologicam seriem continens Dignitatum et Canonicorum trium Insignium Collegiatarum*. Malta, Palazz, 9.

12 A.K.A., *D.O.* 5, ff.444 u 457.

13 Nut. Alessju Apap fl-Atti tan-Nut. Tumas Debono (20.10.1675) f'A.K.A, *P.V. Cocco Palmieri* (28-29.4.1687), f.520.

14 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*

15 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*

16 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*

17 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

18 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

19 Klement miet fil-15 ta' Jannar, 1661, u ndifen fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

20 Tommasika mietet fis-16 ta' Jannar, 1677, ta' xhar, u ndifnet fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

21 Ursula mietet fit-18 ta' Awwissu, 1678, ta' erba' xhur, u ndifnet fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

22 Ġwanni Indrì Cini żżewweġ lil Ubaldiska Saliba, bint Lawrenz u Anġelika, fis-26 ta' Awwissu, 1694, fil-Knisja ta' San Ġorġ (A.P.S.Ġ., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

23 Ġlormu Cini żżewweġ lil Katerina Bugeja, bint Pawlu u Ursula Haber, fid-9 ta' Settembru, 1668, fil-Matriċi (A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

24 *repentine in terram cadens mortu<u>s.*

25 A.P.Ż., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

26 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

27 Atti tan-Nutar Tumas Vella tat-2 ta' Frar, 1706, kif stqarr il-Kappillan Franġisku Vella f'A.P.Żebb., *Liber defunctorum, sub die mortis*: *multaque huic Parochiali Ecclesiae legata posuit et reliquit.*

28 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*

29 A.K.A., *D. O.* 5, f.241v.: *massaro nelli suoi proprij terreni, ditto Ta Soccor.*

30 H.C.R. Vella (2010), 49, *s.v.* "Stivala, Marianus". Marjanu Stivala miet fit-30 ta' Ġunju, 1649, u ndifen fil-Kappella ta' Santa Luċija ġewwa l-Matriċi (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*). Marjetta Stivala mietet fit-22 ta' Lulju, 1625, u ndifnet fil-Matriċi fil-qabar nru 36 (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

31 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matromonii.*

32 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*

33 In-Nutar Tumas Debono żżewweġ lil Grazzja Stivala fit-18 ta' Novembru, 1646, fil-Matriċi (A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

34 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*

35 A.K.A., *D.O.* 5, f.241v.: *attende alla schola di Gram[matic]a dal P[adre] Priore di S[anto] Ag[osti]no nella Chiesa di S[anta] M[aria] Ta Savina. Va in hab[ito] curto e tons[ura].*

36 A.K.A., *D.O.* 5, ff.295, 298, 302.

37 A.K.A., *D.O.* 5, ff.444, 457.

38 A.K.A., *V.P. Bonus* (12.6.1667), f.800v.: *comp[aravi]t Don Fran[cis]cus Stivala p[res]biter et exhibuit eius privilege[i]a sc[i]l[ice] t p[rim]ae tonsurae, 4 minor[um] subdiaconatus, diaconatus et presbiteratus.*

39 *ob mortem celerem; nam cadens sub lapidem eiusque collisum caput.*

40 Atti tan-Nutar Tumas Debono (missier Dun Wistin Debono) tas-27 ta' Lulju, 1682 (J. Bezzina (2013), "Iż-Żebbuġ imwaqqaf Parroċċa 325 sena ilu: 1688-2013", *L-għolja taż-Żebbuġ* 71.8).

41 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

42 A.P.V., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

43 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*

44 *qui, postquam interfuit missae sacrificio in honorem Beatae Mariae Virginis in templo praesentatae, in via tramortus cadens.*

45 A.P.Żebb.Malta, *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

46 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*

47 A.K.A., *P.V. Cocco Palmieri* {28-29.4.1687}, ff.551 and 554, u *P.V. Cocco Palmieri*

{13.5.1898}, f.558. Fuq il-familja tiegħu, ara isfel taħt "Dun Wistin Debono (26)".

48 *sub paleis suffocatus pridie et sequenti notato die.* L-aħħar kliem ifisser li d-disgrazzja ġrat il-jum ta' qabel id-data mogħtija (*notato die*), waqt li l-għada ta' dik id-data sar il-funeral.

49 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*

50 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*

51 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

52 *ob longam infirmitatem.*

53 A.K.A., *V.P.* (22.10.1699), f.428v.

54 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*

55 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*

56 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*

57 *ob continuum vomitum.*

58 A.P.N., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

59 *ob impotentiam deglutiendi non fuit sacro viatico refecta et ob omissionem sensu<u>m nec confessione expiata.*

60 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

61 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

62 *a bove tractus.*

63 Ara H.C.R. Vella (2012), "Dun Franġisk Manueli u niesu. L-Ewwel Parti", *L-għolja taż-Żebbuġ* 70.29-35, u H.C.R. Vella (2013), "Dun Franġisk Manueli u niesu. It-Tieni Parti", *L-għolja taż-Żebbuġ* 71.35-47.

64 *sepultum per nos sacerdotes.*

65 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*

66 Din ma kinietx dik li hemm fir-raħal ta' San Lawrenz, imma oħra fil-limiti tal-Għarb.

67 A.P.Għarb, *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

68 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

69 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

70 H.C.R. Vella (2012), 29-31.

71 *Inventu[m] cadaver Angeli de Pago Zeitun qui fuit piscator in limitibus* (ms. *litimibus*) *huius Sacrae Parochiae, submersum* (ms. *sumersum*) *tempestate in die xxv Januarij, integru[m] et recognitu[m] ab utraque Curia, tam laicali quam ecclesiastica, atque bene recognita eius vita Christiana, ad hanc Parochia[m] transmiserunt ut eadem in ecclesia illud sepeliam, q[uo]d illud recognovi et, informatione capta q[uo]d \Ch/r[istia]na et timorata fuit eius vita, illud in n[ost]ra Par[ochia]li Sacra sepelii. Ita est. F[rancisc]us Vella, Parochus.*

72 *ob impedimentum incapacitatis non amplius communicatae.*

73 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*

74 A.P.Għarb, *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

75 Franġisku Cremona miet fis-16 ta' Marzu, 1670, u ndifen fil-kripta tal-Kappella tar-Rużarju Mqaddes ġewwa l-Matriċi (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

76 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

77 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*

78 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*

79 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*

80 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*

81 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*

82 *et voluit ut in propria Parochia tumulari. Ideo eius filius detulit ipsum cum sacerdote qui fuit testis sacramentorum.*

83 A.K.A., *V.P.* 1736.

84 A.K.A., *V.P.* 1744.

85 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*

86 Il-Kjerku Ġakbu Vella kien miżżewweġ, u t-tfal tiegħu kienu jinkludu lil Ġovanella, li mietet fil-15 ta' Marzu, 1652, u ndifnet fil-Matriċi (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*), Ġaċintu, li miet ta' jum fil-11 ta' Settembru, 1656, u ndifen fil-Matriċi (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*), Duminku, li miet fit-28 ta' Diċembru, 1657, u ndifen fil-Matriċi (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*), Marjetta, li mietet fit-28 ta' Jannar, 1659, u ndifnet fil-Matriċi (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*), Wiġi, li miet fit-3 ta' Ġunju, 1665, u ndifen fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*), Ġustinu, li miet fl-14 ta' Jannar, 1668, u ndifen fil-qabar tal-familja fil-Matriċi (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*), Ġwanni Marija, li miet fl-4 ta' Marzu, 1670, ta' 10 snin, u ndifen fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*), Katerina, li mietet fit-18 ta' Marzu, 1670, ta' xahar, u ndifnet fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*), u Evanġelista, li mietet fis-16 ta' Ġunju, 1676, ta' 8 snin, u ndifnet fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

87 Katerina mietet fis-6 ta' Frar, 1639, u ndifnet fil-Matriċi (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

88 Katerina mietet fl-20 ta' Settembru, 1650, u ndifnet fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

89 Salvu miet fit-8 ta' Awwissu, 1653, u ndifen fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

90 Marija mietet fil-5 ta' Awwissu, 1653, u ndifnet fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

91 Din it-tarbija mietet fit-3 ta' Ottubru, 1653, u ndifnet fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

92 Ġużeppi Vella miet fis-26 ta' Frar, 1654, u ndifen fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

93 Salvu Vella miet fil-25 ta' April, 1655, u ndifen fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

94 Duminku Vella miet fit-23 ta' Ottubru, 1660, u ndifen fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

95 Katerina mietet fis-27 ta' Marzu, 1664, u ndifnet fil-Knisja ta' Santa Marija Sabina (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

96 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

97 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*

98 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*

99 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*

100 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis a.d. VIII Nonas Februarias, a.D. MDCXXXIX Katarinae Vella, filiae suae.*

101 Ara wkoll *V.P.* 1723, f.661. Dandalona u Modlun kienu kunjomijiet Għawdxin antiki. Dandalona baqa' jidher sa l-aħħar seklu, waqt li Modlun ifakkarna fil-Kappillan tal-Knisja ta' San Ġorġ fir-Rabat (H.C.R. Vella {2010}, 147, 197 u 199).

102 J. Vella, *Iż-Żebbuġ, il-Parroċċa ta' Santa Marija*. Gozo, Gozo Press, 1987, 20.

103 J. Bezzina (2013), 11, jgħid li ġie ordnat fil-15 ta' Marzu, 1687. Dan mhux korrett peress li kien ġa saċerdot fil-Viżta Pastorali li l-Isqof Cocco Palmieri għamel f'Għawdex f'dik il-ħabta. Id-data tal-15 ta' Marzu, 1687, imsemmija fir-rapport ta' dik il-Viżta Pastorali, tapplika għal diversi mill-Kleru u tirriferi għad-data komuni meta taw l-informazzjoni lill-isqof biex jawtentifikaw il-privileġġi mogħtija lilhom mill-Ordninazzjonijiet tagħhom.

104 A.K.A., *P.V. Cocco Palmieri* (1687), f.546v.

105 A.K.A., *P.V. Cocco Palmieri* (28-29.4.1687), f.554-f.554v.

106 A. Ferres, *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo*, Malta, 1866, 605.

107 A. Ferres (1866), 605.

108 G.A. Vella, *Iż-Żebbuġ u l-ġrajja tiegħu*, Għawdex, Legion Press 1963, 38-39, u 169. Għall-kopja tat-testment tiegħu, ara H.C.R. Vella, *Katalgu tal-Arkivju parrokkjali* (għadu qed isir), ms. A2029 (numru temporanju).

109 A. Ferres (1866), 570-571.

110 Informazzjoni ġentilment mogħtija lili minn Patri Godfrey Zarb O.F.M. Cap., Gwardjan tal-Monasteru f'Għawdex. Jiena tlabt li narahom il-Furjana, imma s'issa ma ġejtx mogħti aċċess għalihom.

111 INNOTESCERET, *Inscr. Mon.*

112 *relinquens corpus suum sepeliendu[m] esse in Sacra Matrice Eccl[esi]a p[er] testament[m] factum apud Magnificu[m] Notariu[m] Salvatore[m] Cordina.*

113 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*

114 A.P.Għarb, *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

115 A.P.S.Ġ., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

116 A.P.S., *Liber defunctorum, sub die mortis*; A. Ferres (1866), 589. Il-Kappillan Alessandru Aquilina miet fl-età ta' 59, u mhux ta' 60 kif indikat fl-iskrizzjoni li ġejja.

117 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi*, jagħti x-xahar ta' Diċembru, u mhux ta' Ottubru kif mogħti x'imkien ieħor.

118 A.K.A., *P.V. Cocco Palmieri* (12-13.5.1698), f.556v.

119 Iskrizzjoni, isfel.

120 G.A. Vella (1963), 177.

121 J. Bezzina, *Sannat fi ġrajjet Għawdex*, Għawdex, Parroċċa ta' Sannat, 1989, 210, li kien qed jikkwota mill-A.K.M., *Misc.* 55, f.139v.

122 LENITATAE, *ms.*

123 CHARITATIS, *ms.*

124 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*

125 *non autem viatico refectus, quia paulo post redactus fuit incapax ob ammissione[m] rationis.*

126 *qui sepultus est in hac Sacra Par[ochia]li Eccl[esi]a cu[m] consociatione chori cantantis.*

127 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
128 *solu[m] extremae unctionis ob incapacitate[m].*
129 A.P.I., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
130 A.P.Ż., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
131 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
132 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
133 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
134 A.K.A., *P.V. Cocco Palmieri* (28-29.4.1687), f.551 u A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
135 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
136 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.* Huwa tgħammed mill-Arċipriet Camilleri, u l-parrinu tiegħu kien Dun Duminku Bonnici.
137 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
138 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
139 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.* Hija tgħammdet minn Dun Ġwanni Marija Metallo. Il-parrinu tagħha kien il-Kirurgu Dioniżju Schembri.
140 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
141 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.* Hija tgħammdet mill-Arċipriet Camilleri, u l-parrinu tagħha kien Dun Matteolu Dalli.
142 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis: filia in capillis.*
143 A.K.A., *P.V. Cocco Palmieri* (28-29.4.1687), f.547 u f.551.
144 A.K.A., *V.P.* 1698 u 1729.
145 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
146 Ch.J. Farrugia, *L-Arkivji ta' Malta. Kullana kulturali* (edi. M.J. Schiavone u Ch. Briffa), vol. 67, Pietà, Malta, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2006, 115.
147 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
148 Xi ħaġa kurjuża li tidher ripetuta għal diversi sekli fir-reġistru tal-magħmudija hi li ħafna drabi t-tarbija tibda tissejjaħ jew bit-tieni jew bit-tielet isem li jingħatalha. Dan hu vverifikat minn studju li sar minn meta ħadt fil-kunsiderazzjoni ż-żwiġijiet u l-imwiet tal-istess individwi.
149 A.K.A., *V.P.* 1744.
150 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
151 *in hospitale huius Insulae, qui sepultus fuit in hac Sacra Par[ochia]li Eccl[esi]a.*
152 A.P.K., *Liber baptizzatorum, sub die baptismi.*
153 A.P.S.Ġ., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
154 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
155 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
156 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
157 *praeter sac[ramen]tu[m] Euchar[ist]iae ob impedimentu[m] infirmitatis.*
158 A.P.S.Ġ., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
159 *Obijt in D[omi]no Franciscus Portelli, repentina et improvisa morte, quae obruijt illu[m] adeundo eccl[esi]a[m] deustionis causa ad audiendu[m] sacru[m] in visitationemet altaris maioris, unde sanctu[m] no[n] fuerat functus, q[ui]a cadendo e capsula venerandi altaris S[anctissi]mi Rosarij, illico et immediate fuerat mortuus, no[n] amplius dando signu[m] vitae.*
160 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
161 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
162 A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis.*
163 *absque viatico ob impedimentu[m] deglutionis.*
164 A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
165 *praeter S[anctissim]u[m] Viaticu[m] ob impedimentu[m] deglutionis et ammissione[m] ra[tio]nis.*

